# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 418 | MARZU 2022 | IT-42 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST ISSN 1811-5373



ŻMIEN IR-RANDAN IMQADDES
ŻMIEN TA' GRAZZJA U SALVAZZJONI

# WERREJ


3 **Għal sena oħra niċċelebraw ir-Randan Imqaddes**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

6 **Għajnuna sopranaturali mibnija fuq il-Bibbja (it-3 parti)**
MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

9 **Kuraġġ**
FR MARCO PORTELLI

11 **San Ġorġ Preca u l-Misteru tal-Inkarnazzjoni (L-1 parti)**
ROBERT ALOISIO

14 **Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi (It-3 Parti)**
Joseph C. CAMILLERI BA, DEAM, M.Ed. (Pl. & Mgt)

16 **Madalena, dnubietek maħfura**
KAV. CARMEL BIANCHI KGO

18 **Aktar dwar Bilokazzjonijiet ta' Patri Piju (is-6 parti)**
VINCENT VELLA OFS

20 **Użanzi antiki għal matul il-jiem tar-Randan**
JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

22 **Ġieli titlef il-paċenzja? San Franġisk għandu xi jgħidlek...**
FR IVAN SCICLUNA OFMCAP

25 **Is-sbuħija tal-purgatorju: Att kbir tal-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin**
KAV. MANWEL CUTAJAR EOHSJ, BA , DEAM, BA (REL. STUD.)

27 **Ruħi għatxana għalik, Mulej**
GEORGE ZAMMIT

28 **Mid-djarju tal-Kapuċċini Maltin - Aħbarijiet tal-provinċja**
BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap SEGRETARJU PROVINĊJALI

32 **Il-mixja sinodali tal-Knisja tkompli...**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

34 **Santa Katerina ta' Siena - Torta tal-Ħaxix Morr**
FR PAUL BUGEJA OFMCap

35 **Kompetizzjonijiet**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





## ĦSIEB TAL-FAĊĊATA

Ilkoll flimkien ngħixu dawn l-40 jum tar-Randan imqaddes mibnija fuq IT-TALB, IS-SAGRIFIĊĊJU f'sens ta' kontroll ta' dak li hemm fina li jwassalna għad-dnub, IS-SMIGĦ TAL-KELMA TA' ALLA u L-KARITÀ BĦALA MĦABBA LEJN IL-PROXXMU. Fuq kollox nimxu flimkien mixja ta' konverżjoni li ssib il-milja tagħha fi QRARA SINĊIERA U SĦIĦA.


## Bord Editorjali

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874

**Fr Philip Cutajar Mob:** 79335692

**Dorian Holland Mob:**
77223730 / 77568801

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2022**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

FR PHILIP CUTAJAR OFMCap



# Għal sena oħra niċċelebraw ir-Randan Imqaddes

Erġajna wasalna għal Marzu ieħor. Marzu, ix-xahar li fih in-natura tieħu l-ħajja permezz tal-bidu tar-rebbiegħa. Marzu, meta l-Knisja tippreżentalna żmien ir-Randan, preparazzjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa, meta nfakkru u niċċelebraw mhux biss il-passjoni u l-mewt tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu imma fuq kollox il-qawmien tiegħu mill-mewt għall-ħajja, permezz tal-festa tal-Għid il-Kbir.

## Ir-Randan xi jfisser għalina?

Ir-Randan iġib miegħu diversi attivitajiet li saru parti mit-tradizzjonijiet tagħna, għalkemm sakemm qed nikteb dan l-editorjal ninsabu f'sitwazzjoni fejn dawn l-attivitajiet għadhom taħt kontroll minħabba l-COVID-19 u issa l-Emicron ukoll. Qed nirreferi għall-purċissjonijiet, pageants, wirjiet ta' vari u mwejjed imħejjijin b'tifkira tal-Aħħar Ċena tal-Mulej, fost l-oħrajn. Però nistaqsi: qegħdin ngħixu l-veru sens tar-Randan, jew qegħdin nieqfu biss fuq id-drawwiet u t-tradizzjonijiet? Jekk jien Nisrani tassew, ir-Randan għalija għandu jġib miegħu żmien ta' iżjed riflessjoni, sagrifiċċju u talb imsieħba mal-karità bħala mħabba lejn il-proxxmu, li jwasslu għal ħajja aħjar u isbaħ fil-valuri li jippreżentalna l-Mulej Ġesù.



### 1. L-IMĦABBA TA' ALLA GĦALINA

Fir-riflessjoni li nagħmlu matul ir-Randan għandna nifhmu aħjar l-imħabba ta' Alla għalina u l-misteru kbir tas-salvazzjoni: dan Alla tagħna, li tana 'l Ibnu l-waħdieni

biex jitgħabba bid-dnub tagħna, imut għalina u jirbaħ il-mewt bil-qawmien tiegħu għall-ħajja.

**2. IS-SAGRIFIĊĊJU**

Matul ir-Randan imqaddes tissemma ħafna l-kelma 'sagrifiċċju' – f'sens ta' penitenza. Il-kelma 'penitenza' hemm marbuta magħha żewġ tifsiriet: penitenza f'sens ta' 'sagrifiċċju' u penitenza f'sens ta' 'konverżjoni'. F'ħajjitna, speċjalment fi żmien ir-Randan, it-tnejn huma meħtieġa u t-tnejn huma marbuta flimkien, anzi jiddependu minn xulxin.

Permezz tas-sagrifiċċju aħna wkoll imsejħin biex immutu ħalli nitwieldu għal ħajja ġdida, għax kif insibu fl-Iskrittura, jekk il-qamħa ma taqax fl-art u tmut, din tibqa' weħidha, iżda jekk tmut, din tagħmel ħafna frott. Dan iż-żmien għandu jimliena bil-kuraġġ ħalli mmutu għall-egoiżmu tagħna, minn dak id-dnub li jista' jifridna minn Alla u minn ħutna u li b'hekk ma jħallix lil qalbna tilqa' liberament il-paċi u l-hena li l-Mulej joffrilna.

Kif jibda r-Randan aħna, bħal kull sena, naħsbu x'tip ta' penitenza għandna nagħmlu għal matul dan ir-Randan. Issa li bdejna dan iż-żmien qaddis ejjew nistaqsu bis-serjetà lilna nfusna: xi ħtieġa hemm li nfittxu penitenzi ġodda, biex imbagħad...

• nintilfu fir-rabja quddiem l-anqas kuntrarju?
• ma noqogħdux naħsbuha darbtejn nibqgħux mar-raġel jew mal-mara, għax ma qbilniex f'xi ħaġa miegħu jew magħha?
• nitfixklu għax sibna ruħna f'xi basla?
• nitfixklu għax xi ħadd ma qabilx magħna?

Ir-Randan iġibna f'sensina dwar dan. Iġegħelna nirrealizzaw li m'hemmx tgawdija mingħajr tbatija; m'hemmx rebħ mingħajr battalja.



**3. IR-RANDAN F'RELAZZJONI MAS-SAWM**

Sa ftit snin ilu wieħed mill-preċetti tal-Knisja kien li n-Nisrani jrid isum u ma jikolx laħam nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa. L-obbligu tas-sawm u l-astinenza l-Knisja ħallietu biss għal jumejn fis-sena, li huma Ras ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira. Il-Knisja, meta neħħiet dan il-preċett, għamlet u-turn? Filli kien dnub li tiekol il-laħam filli m'għadux? Il-Knisja għarfet li jkun aħjar jekk tittratta lill-Insara bħala nies maturi. Meta l-Knisja neħħiet l-obbligu tas-sawm u l-astinenza nhar ta' Ġimgħa ma riditx tfisser li allura issa, mil-lum 'il quddiem, m'hemmx bżonn tas-sawm. Għall-kuntrarju, il-Knisja ħalliet f'idejn l-Insara li jagħżlu huma x'tip ta' sawm jagħmlu. Mhux bilfors ma jiklux ħelu jew laħam, imma jistgħu jagħmlu penitenza mod ieħor jew jagħmlu xi ħaġa pożittiva.

**4. IT-TALB**

Element ieħor importanti huwa t-talb. Dan ikompli jgħaqqadna ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin. It-talb għal min jemmen huwa tassew ħaġa kbira. Huwa komunikazzjoni ma' Alla. Aħna l-bnedmin nistgħu nitkellmu mas-Sid tas-sema u l-art, il-ħallieq tagħna lkoll. Ejjew nagħmlu Randan b'differenza

billi nżommu f'moħħna u f'qalbna li t-talb veru faċli, għax:

- huwa l-irħas tip ta' komunikazzjoni u l-iżjed wieħed effettiv!
- tista' tagħmel użu minnu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd, il-festi inklużi!
- m'hemmx post partikolari – il-Mulej jirċievi l-messaġġi minn kwalunkwe post fejn jgħammru n-nies!
- tista' tuża liema lsien trid – Alla jifhem lil kulħadd għax Hu jaqra l-qlub tagħna!



Niftakru wkoll li fir-Randan il-Knisja tpoġġi kurċifiss kbir fuq l-artal tul ir-Randan kollu. Dan isir biex nifhmu l-ħtieġa tas-sagrifiċċju u l-penitenza biex nimxu 'l quddiem fil-ħajja tar-ruħ. Inħarsu lejh u nieħdu l-eżempju tiegħu. Kulħadd irid jaħdem u jistinka biex jasal fejn jixtieq: l-istudent, il-ħaddiem, il-ġenitur... kollha jbatu biex jaslu fejn jixtiequ. Hekk il-ħajja tar-ruħ: nirsistu biex dawn l-40 jum tar-Randan ikunu tassew żmien ta' siwi għalina għax ikun żmien ta' tħejjija vera li twassalna għar-rebħa ma' Kristu!

*Filwaqt li nawguralkom Randan qaddis, il-Mulej jagħtikom is-sliem!*


# VUĊI MISSJUNARJA

jixxandar fuq Radju Marija

- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm *VUĊI MISSJUNARJA* li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fit-8.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tnejn fl-4.30am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.




MONS. LAWRENZ SCIBERRAS



# Għajnuna sopranaturali mibnija fuq il-Bibbja (it-tielet parti)

"Spirtu" u "ġisem" m'għandhomx jiġu mqabbla sempliċiment ma' "ruħ" u "ġisem". Il-kelma biblika "ġisem" tfisser il-persuna sħiħa, ġisem u ruħ. Mela hawn ukoll, dnubiet immaterjali, bħas-suppervja, ix-xeħħa u l-mibegħda, ukoll jidħlu fl-ambjent tal-ġisem minkejja li fihom infushom huma astratti.

Fuq in-naħa l-oħra hija dik il-qawwa divina li ssaħħaħ il-bnedmin, sabiex dawn ikomplu mexjin fit-triq tal-ġustizzja. Isaija 31, 3 jwissi lill-Iżraeljani sabiex ma jistriħux fuq iż-żwiemel tal-Eġizzjani, għaliex dawn iż-żwiemel huma "laħam u le spirtu". Din it-twissija tfisser li huma għandhom iqiegħdu l-fiduċja f'Alla u mhux, le, f'xi ħaġa oħra ta' din id-dinja!

Pawlu jqabbel il-ġisem mal-liġi u mad-dnub, tant li jafferma hekk: "Nafu li l-liġi hi spiritwali, imma jien tad-demm u l-laħam, mibjugħ lid-dnub. Ma nafx x'jien nagħmel; naf li mhux dak li rrid nagħmel iżda dak li ma rridx... Naf li t-tajjeb ma jgħammarx fija, jiġifieri f'ġismi. Ir-rieda tajba qiegħda hemm fija, imma li nagħmel it-tajjeb mhux hemm." (Rum. 7, 14-15.18)

Il-qawwa tad-dnub, minħabba d-dgħufija, iżżommna taħtu, u minkejja l-volontà tajba aħna nimxu wara t-tqanqil tal-"ġisem". Biss, Alla ppreparana wkoll għal din l-isfida: "Għax il-liġi tal-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu. Ġesù ħelisni mil-liġi tad-dnub u tal-mewt." (Rum. 8, 2)

## Il-mirakli ta' Ġesù

Jekk issa wieħed ifakkar fil-mirakli ta' Ġesù, jirrifletti wkoll dwar ħażen ieħor u li aħna lkoll nafu bih: mard, ħsarat kożmiċi, flimkien mal-qawwa tal-ħażen!

Wieħed jista' jikklassifika l-mirakli fi tliet tipi differenti minn xulxin: (a) fejqan, (b) eżorċiżmi, (ċ) indħil fuq in-natura, qawmien mill-mewt, mixi fuq il-baħar, isikket it-tempesti, ikattar il-ħobż.

Dawn il-mirakli ma kinux sempliċiment atti ta' benefiċenza, daqskemm li jwasslu xi forma ta' benefiċċju u għajnuna meħtieġa lin-nies. Dawn kienu biss parti żgħira minn dawk li kellhom tant bżonn! Anzi Ġwanni jiddefinixxi l mirakli bħala "sinjali" ladarba sinjal jibgħat messaġġ qawwi biex wieħed jilħqu. It-tifsira li tiftaħ u tfisser is-simbolu tal-mirakli wieħed għandu jfittixha fit-Testment il-Qadim.

Il-mirakli li għamel Ġesù quddiem id-dixxipli tal-Battista f'Mt. 11, 5 jfakkru f'Isaija 35, 5. Dawn ixandru l-għeġubijiet li kellhom jiġru fi żminijiet eskatoloġiċi biex

jindikaw li Ġesù huwa l-messija mistenni.

Fil-Vanġelu ta' Mark hemm miktubin bosta mirakli ta' eżorċiżmu – dawn joħorġu għad-dawl ir-rebħa finali ta' Kristu fuq Satana, għajn ta' kull ħażen. Il-mirakli bħal dawk tat-tkattir tal-ħobż u t-tempesta msikkta jfakkru fil-manna tad-deżert u d-dominju ta' Alla fuq it-taħwid tal-istorja.

Biss, huwa Ġwanni li juri l-aħjar f'liema sens dawn il-mirakli huma sinjali. Jekk Ġesù fetaħ għajnejn wieħed agħma, dritt wara jipproklama lilu nnifsu d-dawl tad-dinja (Ġw. 9, 5); u l-istess ħaġa għamel u qal Ġesù wara li qajjem lil Lazzru mill-mewt minkejja li diġà kien ilu erbat ijiem mejjet. Ġesù hawn qal li huwa l-qawmien u l-ħajja (Ġw. 11, 25). Wara t-tkattir tal-ħobż Ġesù jgħid li huwa l-ħobż tal-ħajja (Ġw. 6, 35) u jagħmel id-differenza bejn il-manna u ġismu bħala ħobż. Huwa interessanti ħafna li wara kull tagħlim ikun hemm stqarrija ta' fidi ġejja min-naħa ta' dawk preżenti.

Wieħed għandu dejjem jaqra r-raba' vanġelu kemm fuq pjan storiku kif ukoll fid-dawl ta' Kristu rxuxtat. Għalhekk il-mirakli li saru elfejn sena ilu quddiem numru żgħir ta' nies ifakkru fl-attività spiritwali mingħajr ma taqta' ta' Ġesù, fil-glorja tiegħu; mhux biss, imma jitolbu wkoll li wieħed ikollu l-fidi f'min għamilhom.

Ir-rakkonti ta' Ġenesi 1-11, flimkien mat-terminoloġija biblika u li dawn jappartjenu għar-riżultati morali u eżistenzjali tal-waqgħa, ma għandhom qatt jiġu interpretati biss fuq pjan individwali u personali. Dan għaliex huma għandhom effetti soċjali, li mill-ħarsa ermenewtika jikkontribwixxu b'mod qawwi għad-disputa ħarxa soċjali u ambjentali.

Il-fatt li wara l-waqgħa fid-dnub il-mara ġiet soġġetta għar-raġel, id-differenzi etniċi moħbija fl-istorja ta' Sem, Kam u




Jafet wara d-dulluvju u d-differenzi bejn Lhud u ġnus li ta' sikwit jidhru fit-Testment il-Qadim isibu risposta fit-Testment il-Ġdid fl-affermazzjoni ta' Pawlu: "Imma m'hemmx iżjed Lhudi u lanqas Grieg, m'hemmx ilsir u lanqas ħieles, m'hemmx raġel u lanqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù." (Gal. 3, 28)

Sa dan il-waqt wieħed ikun ipprova jwieġeb għall-ewwel mistoqsija li qiegħda fil-bidu tal-kapitlu: fidwa minn xiex? It-tweġiba hija ovvja ħafna. Fidwa mir-rabta li rabat l-ewwel bniedem mal-ħażen!

It-tweġiba għat-tieni mistoqsija – fidwa minn min? toħroġ ċar. Ingħataw diversi kuntrarji, pereżempju mard, ġuħ, għeja eċċ.

It-tagħlim bibliku fundamentali bi tweġiba għat-tieni mistoqsija huwa li l-umanità qatt ma tkun fi grad li ssalva lilha nnifisha bil-forzi tagħha kemm-il darba Alla ma jgħinx lill-bnedmin fil-qtigħ il-qalb tagħhom. Li wieħed jistrieħ iżżejjed fuqu nnifsu jfisser li dan ikun miexi lejn fatalità.

It-tifsiriet tal-kelmiet "salvazzjoni", "fidwa" u "ħelsien" jitħalltu u jixxebilku ma' xulxin. L-ewwel salvatur, feddej jew liberatur mill-ħażen kollu li jfejjaq sħiħ 'l-umanità huwa Alla, jew il-missier permezz ta' Ġesù Kristu. Jeżistu tassew eżempji fejn jidher il-kuntrast tad-dgħufija tal-bniedem mal-qawwa ta' Alla.

Huwa Jaħweh li jsalva lil Iżrael mill-iskjavitù tal-Eġittu, li wara huwa stess joffri l-patt, li jwaqqaf l-imħallfin biex dawn jeħilsu t-tribù mill-invażjoni barranija, mill-eżilju ta' Babel u minn kull għawġ nazzjonali ieħor.

F'Isaija 40-46 is-salvazzjoni tieħu sens u tifsira aktar spiritwali, u fl-istess waqt iżżid it-tama lejn ġrajja salvifika aħħarija. Meta Alla jinqeda b'xi bnedmin biex jagħmluha ta' ħaddiema tal-ħelsien, huwa jagħżel lil dawk l-aktar debboli, u dan sabiex ħadd ma jerfa' rasu 'l fuq imma jinduna li dan kollu jkun ġej minn Alla.

Alla għalhekk huwa l-mexxej assolut ta' kollox; ir-relazzjoni miegħu tinbena fuq il-fidi. Hekk wieħed ikun qed jagħraf li kollox ġej minn Alla, mela ta' min jirringrazzjah

Pawlu għalhekk l-ewwel jiddeskrivi t-taqbida interjuri li kellu, liema kliem jiġbor fil-qosor dak li deher f'dan l-ewwel kapitlu. "Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt? Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna" (Rum. 7, 24-25). F'dan il-kliem Pawlu qed juri t-taqbida ħarxa daqskemm kontinwa li kien qed iġorr.

# I. X'qed tagħmel f'ħajtek biex takkwista l-veru suċċess?

Waqt li kont qed nagħmel ftit riċerka fuq il-psikoloġija, staqsejt lin-nanna, biex fi kliemha tfissirli l-kelma "suċċess". In-nanna weġbitni hekk: "Is-suċċess huwa meta tħares lura lejn dak li tkun għamilt f'ħajtek u l-memorji jġegħluk titbissem.

**RIFLESSJONI:**
Li kieku kont inti minflok in-nanna x'risposta kont tagħti lin-neputija tiegħek? Taqbel mat-tweġiba li tat in-nanna? X'inhu s-suċċess għalik fil-ħajja? Diżgrazzjatament hawn min ifittex is-suċċess fi ħwejjeġ materjali li jgħaddu, bħalma huma l-karriera, ix-xogħol, il-politika, il-flus, is-sbuħija u tant ħwejjeġ oħra materjali li lill-bniedem jagħmuh u jaljenawh. Imma inti fejn qed tfittxu l-veru suċċess li jimla l-qalb tiegħek u jagħtik il-veru ferħ? Qed tfittxu f'Alla permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu? Il-veru suċċess fil-ħajja ma jitkejjilx bil-kriterji u l-loġika tad-dinja imma pjuttost bil loġika ta' Kristu u tal-Evanġelju. Nirsistu għal dak is-suċċess li jgħinna nakkwistaw il-ħajja ta' dejjem.



Fr Marco Portelli
Koordinatur għall-Ħidma Pastorali
mal-Persuni Separati

# Kuraġġ

Il-kelma **KURAĠĠ** toffrilna żewġ kelmiet importanti għall-ħajja ta' kull bniedem – KURA u RAĠĠ. Dawn iż-żewġ kelmiet insibu fihom kelma komuni – RA (NARAW) li tinsab fin-nofs tal-kelma KURAĠĠ.

Fuq dan xtaqt naqsam ftit ħsibijiet fil-bidu ta' sena ġdida, biex flimkien inħarsu 'l quddiem b'kuraġġ, speċjalment min jinsab għaddej minn żmien diffiċli fil-ħajja, fil familja, fix-xogħol u fost il-ħbieb.

Il-Knisja universali bdiet sinodu għas-sentejn li ġejjin, id-djoċesi ta' Malta kienet diġà qed taħdem fuq mixja flimkien lejn *Knisja waħda, vjaġġ wieħed,* u għalhekk kemm hu sabiħ li nissieħbu f'dan il-proċess tal-Knisja u NARAW flimkien ir-realtajiet differenti fina u fil-persuni madwarna.

Sfortunatament żdiedu d-diffikultajiet fil-familji, u minkejja li kull bniedem jagħmel ħiltu biex jgħix f'ambjent aħjar, mhux dejjem tkun triq faċli. Xi kultant ikun iktar jaqbillek ma tgħaġġilx, la fil-ħsieb u wisq inqas fid-deċiżjonijiet. Jaqbillek tgħożż u tirranġa li għandek, tirkupra dak li ttraskurajt, tfittex għajnuna professjonali u tieħu parir għaqli mingħand persuni kompetenti, milli taħseb li hemm xi soluzzjonijiet faċli, komdi, li ħafna drabi jkunu illużjoni.

Fil-każ ta' dawk il persuni li jiddeċiedu li jisseparaw, wara li ġenwinament ikunu ppruvaw isalvaw ir-relazzjoni u ż-żwieġ, u dawk li ċ-ċirkustanzi sfurzaw fuqhom



is- separazzjoni bla mixtieq jew mistenni, il-Knisja lesta li tilqa', tisma' u tipprova tifhem ir-realtajiet ta' tbatija li l-bniedem ikun qed iġarrab. Għal dawn il-persuni hemm diġà servizzi ta' għajnuna personali u fi gruppi, li joffru KURA u RAĠĠ ta' tama.

**KURA** għax fi grupp il-bniedem iħossu aċċettat, milqugħ u mifhum; flimkien ma' oħrajn isiru l-passi bil-għaqal u kif meħtieġ, bl-għajnuna tal-komunità, ta' nies b'esperjenza li lesti joffru pariri meħtieġa, bla ebda għaġla u f'mixja ta' formazzjoni, bi programm ħolistiku li jindirizza kemm il-ħtiġijiet umani u dawk spiritwali tal-bniedem.

**RAĠĠ** ta' tama li jwassal għal dik l-umiltà li biha titgħallem tagħraf u tibdel fil-karattru fejn meħtieġ. Il-bniedem supperv ikompli jinżel 'l isfel fl-iżball tiegħu, imma l-bniedem umli jieħu bis-serjetà kull parir siewi u jkun lest li jirċievi korrezzjoni fraterna fejn meħtieġ.

**KURA** u **RAĠĠ** ta' dawl mill Knisja f'Malta, li toffri l-għajnuna professjonali permezz tal-Moviment Kana (tel. 22238000) u l-Caritas (tel. 22199000). Barra dan fil-Kurja tal-Arċisqof hemm Uffiċċju għall-Ħidma Pastorali mal-Persuni Separati (tel. 25906152), fejn wieħed jista' jfittex l-għajnuna spiritwali, parir siewi fiċ-ċirkustanzi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal ieħor, sapport fi gruppi jew għajnuniet oħra; isibu min jismagħhom u jipprovdilhom il-kuntatti meħtieġa.

Immela, **KURA** biex nagħtu Komunità lil min jinsab waħdu fi żmien diffiċli, ninkoraġġixxu l-Umiltà biex naċċettaw l-għajnuna meħtieġa, ngħinu fir-**Regolamentazzjoni ta' affarijiet li rriduhom aħjar** fil-ħajja u fil-formazzjoni tal-persuni li jersqu għall-għajnuna, u nimxu b'**Attenzjoni** lejn l-istorja partikolari u unika ta' kull persuna.

**RAĠĠ** biex nersqu lejn **Rikonċiljazzjoni** mal-preżent li jifdina, inħarsu lejn **Avvenimenti** li jistgħu joffrulna tama, ingawdu flimkien paċi u ferħ li jistħoqqulna, waqt li nibqgħu aktar qrib ta' Ġesù, li jħobbna, jifhimna u jrid il-**Ġid lil kull persuna**.



ROBERT ALOISIO



# San Ġorġ Preca u l-Misteru tal-Inkarnazzjoni
## (L-Ewwel Parti)

L-ikbar żewġ misteri tal-fidi Nisranija, li jagħmluha differenti minn kull reliġjon oħra, huma l-misteru tat-Trinità (Alla wieħed fi tliet persuni – il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu) u l-misteru tal-Inkarnazzjoni, jiġifieri li Alla sar bniedem fil-persuna ta' Ġesù Kristu biex jifdi lill-bniedem. U l-festa tat-tħabbira tal-Mulej, magħrufa bħala l-Lunzjata, mhi xejn għajr il-festa tal-Inkarnazzjoni, it-tifkira ta' meta Alla sar bniedem fil-ġuf ta' Marija. Nistgħu ngħidu li dawn iż-żewġ misteri fundamentali tar-reliġjon Kristjana kienu suġġett speċjali tal-meditazzjoni ta' San Ġorġ Preca, u fuqhom bena l-qdusija tiegħu. Hekk ukoll nistgħu nifhmu d-dimostrazzjoni tal-Bambin li fil-Milied li għadda għalqet 100 sena.

### Il-Kelma saret laħam

Il-misteru tal-Inkarnazzjoni, kif irrakkuntat fl-evanġelji ta' San Luqa u San Mattew, imsejħa 'l-Evanġelji tal-Infanzja', hu miġbur bi kliem magħżul fl-ewwel 14-il vers tal-Evanġelju ta' San Ġwann, u b'mod speċjali fl-aħħar vers: "U l-Kelma saret laħam u għammret fostna" – bil-Latin, "Et Verbum caro factum est".

Dan il-prologu ta' San Ġwann affaxxina ħafna lil Dun Ġorġ qabel ma dan sar saċerdot. Dwar dan li qed ngħid għandna x-xhieda tal-ewwel Superjur Ġenerali tal-Museum Ewġenju Borg, li kien jirrakkonta lis-soċji tal-bidu li lilu Dun Ġorġ kien jieħdu għalih waħdu, żmien qabel ma ġiet iffurmata formalment is-Soċjetà tal-Museum, taħt siġra tal-ħarrub fil-ġnien ta' Santa Venera, u hemm kien joqgħod jispjegalu l-Bibbja, "b'mod speċjali l-prologu ta' San Ġwann". Is-Superjur Ewġenju lis-soċji kien jgħidilhom li dwar dan il-prologu Dun Ġorġ kien qallu: "Dawn il-versi huma versi tqal u huma l-fundament tar-reliġjon tagħna."

### Il-Madonna tal-Verbum Dei

Dun Ġorġ ifakkarna li l-Inkarnazzjoni seħħet permezz ta' Marija mal-kelmiet tagħha: "Ikun minni skont kelmtek." Hu jfaħħar l-ilsien ta' Marija: "Ikun imbierek l-ilsien imqaddes tiegħek, li lissen l-ammirabbli FIAT (ikun magħmul), għax permezz tiegħu sar bniedem l-Iben ta' Alla..." Għalhekk għal Dun Ġorġ, u naturalment mhux għal Dun Ġorġ biss, l-Annunzjazzjoni hija l-qofol ta' dal-misteru kbir.



U minn hawn ġej il-fatt li hu nnifsu, għal darbtejn, ikkummissjona lill-pittur Rafel Bonnici Calì t-tpinġija ta' Marija filwaqt li hi qiegħda taċċetta li tkun Omm il-Feddej. Dil-pittura hi magħrufa fostna bħala 'l-Madonna tal-Verbum Dei'.

Minn hawn ukoll ġej il-fatt li kien iħobb jikkontempla quddiem ix-xbieha tal-Lunzjata. Hekk, pereżempju, osservawh diversi drabi jħares lejn ix-xbieha tal-Lunzjata tal-Gagliardi fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, u semgħuh jgħid għaliha, "Sabiħa wisq!" espressjoni mifhuma aktar għall-ġrajja li tirrappreżenta, mhux sempliċiment għall-pittura nnifisha.

Minn hawn ukoll it-talba preferita tiegħu lill-Madonna, tal-*Gaude, Maria Virgo,* li biha ried li l-membri tal-Għaqda tiegħu jibdew il-laqgħat tagħhom. Din it-talba hi innu ta' tifħir lil Marija għall-grazzja li sabet quddiem Alla fl-annunzjazzjoni tagħha.

Minn hawn ukoll ġejja l-imħabba tiegħu għat-talba tant marbuta ma' dan il-misteru, it-talba tal-*Angelus,* li hu kien jgħid regolarment b'devozzjoni kbira, u li d-dar ġieli kien jgħid għarkupptejh, kif kienet l-użanza tal-patrijiet Karmelitani. Is-soċju John Formosa ġieli rreċita din it-talba miegħu, u baqa' impressjonat mill-mod kif kien jinżel jagħmel il-ġenuflessjoni għall-kliem "Et Verbum caro factum est", li seta' jisma' t-taħbita ta' rkopptu mal-art, minkejja l-età ġa avvanzata tiegħu.

## Swor Marija tal-Passjoni

Dun Ġorġ kompla jintrabat mal-kliem "Verbum Dei caro factum est" meta qara għall-ewwel darba l-ħajja tal-Beata Swor Marija tal-Passjoni (1866-1912), *Vita della Vittima Riparatrice, La Serva di Dio Suor Maria della Passione* (1921), miktuba mill-patri Barnabita Don Luigi Maria Fontana, id-direttur spiritwali tagħha, fejn jingħad li Ġesù nnifsu kien ta dan il-kliem lil din is-soru Naplitana, iddikjarata beata fl-2006, bħala protezzjoni kontra l-assalti tax-xitan, li kien jaħqarha bil-bosta. Jidher li meta qara l-ktieb ta' Fontana, Dun Ġorġ 'skopra' li dak il-kliem seta' jservi bħala għajn ta' barka u protezzjoni kontra kull għawġ tar-ruħ u tal-ġisem.

Minħabba r-relazzjoni li hemm bejn il-Beata Swor Marija tal-Passjoni u l-kliem "Verbum Dei caro factum est", Dun Ġorġ inġibed ħafna lejn din il-beata, u xerred xbihat u l-ħajja tagħha. Hu kien ukoll jitlob biex tfittex tasal il-konferma tal-Knisja dwar il-qdusija tagħha (sa dak iż-żmien kienet għadha venerabbli) u kien ukoll jgħid lill-membri li meta din tiġi dikjarata qaddisa, is-Soċjetà għandha tagħmlilha festi kbar "għax kienet hi li żejnitna b'din l-arma tant qawwija."

## Dun Ġorġ, Appostlu tal-Verbum Dei



L-ewwel darba li Preca 'pprova' s-siwi tal-kliem "Verbum Dei" kien meta f'Diċembru tal-1917 poġġa dan il-kliem għażiż fuq sider missieru, li kien qed imut. Dakinhar Preca ġarrab il-valur kbir ta' dan il-kliem u beda jxerrdu kemm jiflaħ. Stampa ħafna kartonċini bil-kliem stampat "Verbum Dei caro factum est" u qassmu bl-eluf fil-veru sens tal-kelma.

Il-każ ta' Pia Mifsud Bonnici, li fieqet malajr wara li din qiegħdet dak il-kliem fuq il-post fejn kellha l-uġigħ (kif bagħat jgħidilha Dun Ġorġ permezz ta' ħuha Robert) ftit qabel ma kellha tkun operata, kompla kabbar fih il-persważjoni mill-qawwa tiegħu.

Dun Ġorġ beda jippropaga d-devozzjoni lejn il-Verbum Dei billi kiteb fuljett fuqu fl-1919. Imbagħad kiteb fuljett ieħor li anki qalbu bl-Ingliż u bil-Franċiż (probabbilment anki b'ilsna oħra, bħat-Taljan). Qabad ukoll korrispondenza fuq dan is-suġġett ma' Don Luigi Fontana, il-konfessur ta' Swor Marija tal-Passjoni. Instabet ukoll, fost kitbiet oħrajn, *Ittra ta' San Mikiel fuq il-Verbum Dei.*

# 2. Qatt taqta' qalbek

Dalgħodu fis-7am qomt u ħassejtni ma niflaħx, iżda kelli bżonn il-flus u ma stajtx ma mmurx għax-xogħol. Fit-3 ta' waranofsinhar bagħtuni d-dar, keċċewni mix-xogħol. Fi triqti lura lejn id-dar ħadt puncture. Ftaħt wara tal-karozza u rrealizzajt li anke t-tyre li kelli spare, kien mingħajr arja. Wieħed raġel b'karozza BMW waqaf ħdejja u offrieli li jwassalni d-dar. Qgħadna nitkellmu u offrieli job. Nibda għada.

**RIFLESSJONI:**
Hija storja ħelwa li tistieden lili u lilek sabiex nagħmlu r-riflessjoni tagħna speċjalment wara li fil-ħajja mhux kollox jiġina kif nixtiequ aħna. Jiġu mumenti, jiġu ġranet fil-ġajja tagħna fejn kollu donnu jmur żmerċ, kollox narawh sejjer ħażin. Hekk ħassitha din il-persuna tal-istorja. Bdiet ħażin minn filgħodu meta qamet u ħassita ma tiflaħx tant li ma kellhiex aptit tmur għax-xogħol imma kellha tmur għax kienet fil-bżonn tal-flus. Keċċewha mix-xogħol. Ħadet puncture u ma kellhiex l-ispare wheel. Kollox ġie kontra tagħha, miskina.
Imma fl-aħħar ġietha waħda tajba. Iltaqgħet ma' bniedem li mhux biss għenha tasal id-dar imma offriela job u bdiet taħdem mill-għada.
Fil-ħajja qatt m'għandna naqtgħu qalbna. Jiġu kemm jiġu mumenti koroh u iebsa dejjem hemm it-tama ta' ħajja aħjar.

JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)



# Xandru Farrugia, familtu u xogħlijiet artistiċi (It-3 Parti)

## Kif kienu jsiru l-ordnijiet għax-xogħlijiet artistiċi

Ix-xena Maltija fejn tidħol l-iskultura kienet iddominata mix-xogħlijiet ta' Mariano Gerada (1766-1823). Il-fatt li dan il-Malti ħalla pajjiżu biex mar jistudja fi Spanja u l-fatt li beda joħloq vara wara vara, waħda isbaħ mill-oħra, il-fama tiegħu nfirxet mal-erbat irjieħ ta' dan l-arċipielgu. Ħafna skulturi, anke dawk li kienu studenti tiegħu, kellhom jaċċettaw fil-kuntratti li l-opri li ġew ikkummissjonati kellhom ikunu bbażati fuq xi vara ta' dan l-iskultur Tarxiniż.



| Mastru Xandru Farrugia

Wieħed mill-istudenti ta' Mariano Gerada kien Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875), li ġie mqabbad fis-6 ta' Mejju 1838 mill-Fratellanza tas-Salib Imqaddes ta' Bormla biex jagħmel vara ta' Ġesù Redentur. L-iskultur kellu jagħmel din il-vara tixbah lil dik li kienet tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Isla.[1] Pietru Pawl Azzopardi, meta kellu jaħdem il-Marbut għal Bormla, kienu rabtuh li jimxi fuq il-passi tal-vara tal-Marbut ta' Salvu Psaila li tinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz fil-Birgu.[2] L-istess ħaġa seħħet meta sar il-ftehim bejn Mastru Xand u Luigi Zammit nhar it-2 t'Ottubru 1844 biex issir il-vara tal-Marbut għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun. Alessandro Farrugia kellu jimxi fuq il-vara li kien ħoloq Pietru Pawl Azzopardi għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Bormla.[3]

L-istudjuż tal-arti Dun Gino Gauci jgħidilna li "din il-ħaġa kienet tiġri ta' spiss, mhux biss hawn Malta iżda wkoll barra minn xtutna, ma' artisti ta' fama kbira."[4]

---

Referenzi:

1. Gauci G., *Il-Marbut, Il-Ġimgħa l-Kbira* – Żejtun, storja, drawwiet u arti, Nru 2, Pubblikazzjoni: Kumitat Festi Ġimgħa Kbira Żejtun, 2013, (paġni mhux numerati).
2. Gauci G., *Il-Marbut, Il-Ġimgħa l-Kbira* ... (paġni mhux numerati).
3. Gauci G., *Il-Marbut, Il-Ġimgħa l-Kbira* ... op cit, (paġni mhux numerati).
4. Gauci G., *Il-Marbut, Il-Ġimgħa l-Kbira* ... (paġni mhux numerati).

## L-istudenti ta' Mariano Gerada

Il-Maltin, dawk imdaħħlin fil-fratellanzi u membri tal-kleru, indunaw li l-istudenti ta' Mariano Gerada kienu qed jimitaw l-istil tiegħu. Dun Gino Gauci kiteb hekk: "Għalhekk (il-Maltin) ninduraw lil dawk l-artisti viċin Gerada u li mingħandu tgħallmu l-anatomija; kienu jimitaw l-istil tiegħu. Jiġri li meta huma (Xandru Farrugia, Salvu Psaila u Pietru Pawl Azzopardi) kienu jingħataw xi xogħol, kienu jkunu mitluba biex jikkupjawh."[5] Dan jiġri min-naħa ta' min jagħmel l-ordni, biex iserraħ moħħu li l-flus li jinsabu fil-kustodja tiegħu ser jagħtu vara li tintgħoġob mill-membri tal-fratellanza fil-każ ta' rettur ta' fratellanza jew mill-parruċċani fil-każ ta' kappillan. Il-vari reliġjużi huma mezz biex il-fidili jersqu aktar lejn dak li tirrappreżenta l-vara, jekk hu xi aspett mill-ħajja ta' Kristu, xi devozzjoni marbuta mal-Madonna jew xi qaddis jew qaddisa.



Wieħed ma jeskludix l-impatt tal-piki li kien hemm fil-parroċċa stess bejn il-fratellanzi kif ukoll il-piki li jkun hemm bejn il-fratellanzi ta' parroċċi viċin xulxin. Għalhekk hu xogħol l-iskultur li jkellem lil min għamel l-ordni ħalli x-xogħol tiegħu jkollu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet tiegħu, jew biex ikun jista' joħloq xi ħaġa oriġinali. Għall-Marbut taż-Żejtun, minkejja li rabtu jdejn Xandru Farrugia biex jimxi fuq dak li kien għamel Pietru Pawl Azzopardi, xorta waħda Xandru Farrugia għamel xi ħaġa oriġinali u unika, grazzi għall-widna tajba li kellu r-rettur. Min-naħa l-oħra l-vara tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien kienet xi ħaġa ġdida - vara b'żewġ figuri u vara li qabel ma kinitx ġiet ittrattata minn xi skultur ieħor fix-xena Maltija, u għalhekk id-l-iskultur kienet aktar libera minn xi rbit. Kull skultur li għandu xi ordni ta' xi vara jew statwa tal-ġebel quddiemu, qabel jibda jaħdem, jara l-vari u l-istatwi li saru mill-artisti ta' qablu. Naturalment jitkellem ma' min jagħmel l-ordni u jara x'għandu f'moħħu. Jara wkoll ix-xogħlijiet ta' artisti oħra ta' żmienu, l-aktar dawk li kisbu ċerta fama. Dun Gino Gauci kiteb hekk: "Kull artist, hu x'inhu l-kamp artistiku tiegħu, dejjem iħares lejn dawk ta' qablu jew dawk ta' żmienu, li joffru ideat mhux tas-soltu."[6]

Minkejja dan l-irbit kollu ċerti skulturi rnexxielhom joħolqu vari uniċi b'anatomija tajba, mimlija moviment u li jpaxxu l-għajn tal-fratelli jew il-parruċċani. Wieħed minn dawn l-iskulturi kien Xandru Farrugia.

---

Referenzi:

5. Gauci G., *Il-Marbut, Il-Ġimgħa l-Kbira* ... (paġni mhux numerati).
6. Gauci G., *Il-Marbut, Il-Ġimgħa l-Kbira* ... (paġni mhux numerati).



KAV. CARMEL BIANCHI KGO

# Madalena, dnubietek maħfura

Fil-pjazza biswit il-knisja
tfajla kienet tgħix ġo dar,
waħidha għax sfat iltima –
il-ġenituri mietu żgħar.

Madalena kien jisimha;
pupa kienet, qisha din.
Ma kellhiex min iżommilha;
ġiet bħat-tfajliet imħarbtin.

L-għaxqa tagħha li tmur magħhom
tagħżel irġiel miżżewġin.
X'jimpurtaha tkisser familja?
Gelgul flus tara deħlin.

Qatt ma kienu l-flus problema
f'idha; dawn kellha kemm trid,
ġejjin mill-prostituzzjoni –
xogħol irendi, flus iżżid.

Madalena tfajla ħelwa,
bi lbiesha eleganti,
tpaxxik xħin tħares lejha;
tassew affaxxinanti.

Kienet xebba mingħajr skrupli,
tħobb titperreċ sew fl-ilbies;
l-aqwa tiġbed l-attenzjoni,
taqa' u tqum xi jgħidu n-nies.

Dejjem bl-ilbies l-aħħar moda,
tilbes deheb mill-aktar fin,
irqiqa u twila sew, pulita,
magħduda fost il-ħelwin.

Tiġbed sew il-ħars ta' kull raġel;
tkun għaddejja tħares żgur.
Taħsibha xi figurina,
fil-vetrina lilha żżur.

Fil-parroċċa sew magħrufa
bħala l-anġlu tal-blandun,
għax għal ġmielha tieħu l-ewwel,
sew issebbaħ kull fejn tkun.

Min jaf kemm-il ġuvni riedha
iżda hi rrifjutat!
Bieb qalbha għal xi mħabba
riedet tħalli ssiġillat.

Tgħid iż-żwieġ għall-ħamiem qiegħed?
Għax hi tħobb il-libertà;
ma tridx min jorbtilha l-kitla.
X'jimpurtaha mill-onestà!

Fir-raħal fejn noqgħod jiena
sett ta' vari hawn naraw.
Ġimgħa l-Kbira wisq magħrufa;
'il min jarahom dawn jattiraw.

Statwa minn das-sett li jżejjen,
bla dubju t'attrazzjoni,
hi dik tal-vara l-kbira,
li tgħaxxaq purċissjoni.

Il-vara l-kbira, għal min mhux midħla,
Kristu msallab ma' salib,
ħdejh naraw 'l Ommu Marija
u 'l San Ġwann maġenbha ssib

F'riġlejn Kristu żiedu xbieha,
li hi tal-Madalena,
li f'ħajjitha kienet stqarret,
"Ħdejh biss insib il-hena."

Waslet mela dil-figura,
li n-nies bi ħġarhom ġew raw,
taħt Kristu s-salib tgħannaq,
f'post preċiż li preparaw.



B'xagħar mitluq jgħatti nofs wiċċha
tibkih hemm taħt is-salib,
qalbha mnikkta għal li ġralu;
tħassritu f'dak it-tiġrib.

Bħan-nies l-oħra l-Madalena
megħluba mill-kurżità.
Dak li semgħet hi b'widnejha
riedet tara hux verità.

Marret f'ħin min-nies battala,
knisja vojta, skiet perfett;
intasbet ħdejn il-vara l-kbira,
fliet il-vara s'isfel nett.

Ma felħitx tneħħi għajnejha
fuq Kristu f'dik is-sura.
Wisq tbenġil u dmija ċċarċar;
twaħħxek tara l-figura!

Minn fomm Kristu nstema' leħen:
"Madalen, wisq inħobbok!
Għalik qiegħed hawn imsallab...
Indem, mela, nitolbok!

"X'tajtni int għall-ġmiel li tajtek?
Mhux jien li żejjintek bih?
Għaliex mela toffendini?
Ieqaf, ngħidlek, minnufih!

"Meta tkun fi ħdan xi raġel
ikun pjaċir biss tal-mument;
bħal duħħan tipprova taqbdu,
minnek jgħib immedjatament.

"Kemm se ddum tesponi 'l ġismek?
Sib kuraġġ... qum fuq riġlejk!
Jien nagħtik l-għajnuna tiegħi,
disponibbli ssibni ħdejk.

"Indem, mela, agħli kasi,
warrab tad-dinja l-ġibdiet.
Jien sebbaħtek mhux għaż-żina!
Ngħinek żgur, nagħtik qawwiet.

"Ersaq lejja, Madalena,
għandi jdejja miftuħin.
Lest li nħaddnek kull ħin miegħi
biex le nkunu mifrudin.

"Jiena ninsa kull dnub tiegħek;
ħfirtlek kollox, għix mill-ġdid.
Qawwa ntik tegħleb kull ġlieda;
miegħi imxi t-triq id f'id."

Ma felħitx għall-kliem ta' Kristu;
bdiet tibki bħal tarbija!
"Mulej, jien mara midinba,
mifnija bid-dgħufija!

"Kuraġġ kbir qed inħoss fija;
insib qassis għas-sagrament.
Tini l-qawwa biex ninbidel
ħalli nħobbok kull mument.

"Tassew jiena mara mqarrqa
għax għamejt wara t-tlellix!
bil-flus kollha illi għandi
paċi f'qalbi żgur m'għandix.

"X'ma nħobbokx, o Kristu twajjeb!
Int għalija sur ta' kenn...
int it-tarka għal tul ħajti;
wisq ħanin, taħfer u tħenn.

"Kieku nista', Kristu msallab,
'il-Madalena nwarrab 'l hemm.
Noqgħod jien Madalen'oħra,
nixxuttalek b'xuxti d-demm."

Dlonk daħlet fis-sagristija
bla qagħdet tħares lura;
saċerdot instema' jlissen,
"Mur... dnubietek maħfura!"

Padre Pio jurina t-triq: "Itlob, ittama, tinkwetax."

VINCENT VELLA OFS



# Aktar dwar bilokazzjonijiet ta' Patri Piju (is-sitt parti)

## FUQ SAN GIOVANNI ROTONDO LANQAS BOMBA WAĦDA MA WAQGĦET

... Iżomm il-bombi tal-gwerra 'l bogħod minn San Giovanni Rotondo

Ħafna piloti ta' diversi nazzjonalitajiet (Amerikani, Ingliżi, Pollakki, Palestinjani) li kienu jħaddnu reliġjonijiet diversi (Kattoliċi, Ortodossi, Musulmani, Protestanti) kienu xhieda ta' ġrajja tal-għaġeb. Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, wara t-8 ta' Settembru 1943, dawn il-piloti kienu jservu fil-bażi militari ta' Bari biex jagħmlu azzjonijiet fuq in-naħa t'isfel tat-territorju Taljan, li kien għadu taħt il-ħakma tan-Nażisti.

Kull darba, meta kienu jkunu qegħdin jaqdu l-missjoni militari tagħhom u kienu jersqu fiż-żona tal-Gargano, fil-viċinanza ta' San Giovanni Rotondo, huma kienu jaraw patri fis-sema li meta kien jiftaħ idejh bil-pjagi ma kienx jippermettilhom li jwaddbu l-bombi tagħhom fuq il-post. Foggia u kważi ċ-ċentri kollha tal-Puglia kienu suġġetti għal bombardamenti kontinwi, imma fuq San Giovanni Rotondo lanqas bomba waħda ma waqgħet.

Dwar din il-ġrajja, li ħadd qatt ma sema' bħalha, hemm ix-xhieda diretta tal-Ġeneral tal-Aeronautica Italiana Bernardo Rosini, li f'dawk iż-żminijiet kien jifforma parti mill-United Air Command, li flimkien mal-forzi tal-ajru tal-Alleati kienet stazzjonata f'Bari. Dan Rosini qal, "Kull darba li l-piloti kienu jerġgħu lura mill-missjoni tagħhom huma kienu jitkellmu dwar dan il-patri li kien jidher fis-sema u li kien idawwar l-ajruplani u jġegħelhom jerġgħu lura."

Rosini jkompli jgħid, "Kulħadd kien jidħak b'dawn l-istejjer li ma jitwemmnux. Imma billi dawn l-episodji baqgħu jirrepetu ruħhom, il-Kmandant Ġenerali ddeċieda





li jsolvi l-każ personalment. Huwa ħa l-kmand ta' skwadra ta' ajruplani tal-gwerra mgħobbijin sa snienhom bil-bombi, li kellha teqred riserva ta' materjal tal-gwerra Ġermaniż li kienet tinsab f'San Giovanni Rotondo. Sa dakinhar ħadd ma kien irnexxielu jmur f'dik id-direzzjoni minħabba l-preżenza fis-sema ta' din l-apparizzjoni misterjuża li kienet treġġa' lura lill-ajruplani."

Il-Ġeneral Rosini jkompli jgħid, "Billi din il-ħaġa kienet ilha tiġri għal xi żmien, fil-bażi kien hemm tensjoni kbira. Kollha kemm aħna konna kurjużi biex naraw kif kienet se tispiċċa din l-operazzjoni. Meta l-iskwadra reġgħet lura aħna morna nsaqsu x'ġara. Il-Ġeneral Amerikan kien xi ftit imħawwad. Huwa rrakkonta li xħin waslu fuq il-post hu u l-piloti l-oħra raw figura ta' patri b'idejh mgħollija 'l fuq tiela' fis-sema. Il-bombi li kellhom l-ajruplani waqgħu waħedhom fuq bosk u l-ajruplani daru lura biex jirtiraw mingħajr ma l-piloti kienu għamlu xi ħaġa biex l-ajruplani tagħhom jagħmlu dawn il-manuvri.

"Dakinhar filgħaxija din il-ġrajja kienet fuq fomm kulħadd. Kulħadd kien qiegħed jistaqsi min kien dan l-ispettru li l-ajruplani kienu jobduh misterjożament. Xi ħadd għarraf lill-Ġeneral Kmandant li f'San Giovanni Rotondo jgħix patri li kellu l-pjagi u li kulħadd kien jikkunsidrah bħala qaddis. Forsi din kienet il-persuna responsabbli li kienet iddawwar l-ajruplani. Il-Ġeneral sabha ferm diffiċli li jemmen dan, imma xtaq li mill-aktar fis possibbli jmur hemm u jara hu stess.

"Wara l-gwerra l-Ġeneral, akkumpanjat minn ftit piloti oħra, wasal fil-kunvent tal-Kapuċċini. Malli rifes l-għatba tas-sagristija sab ruħu wiċċ imb wiċċ ma' numru ta' patrijiet, fosthom dak il-patri, li għarfu mill-ewwel li kien dak li kien waqqaf l-ajruplani tiegħu. Patri Piju mar biex jiltaqa' miegħu, u wara li serraħ idejh fuq spallet il-Ġeneral, qallu, 'Mela huwa inti dak li xtaqt li teqridna kollha kemm aħna.'

"Mistagħġeb għall-aħħar, xħin ra u sema' lil Patri Piju, il-Ġeneral niżel għarkopptejh quddiemu. Patri Piju kien tkellem bħas-soltu bid-djalett ta' Benevento, imma l-Ġeneral kien konvint li l-Patri kien tkellem bl-Ingliż. It-tnejn li huma saru ħbieb, u l-Ġeneral, li kien Protestant, ikkonverta u sar Nisrani."

B'din il-ġrajja seħħet wegħda li Patri Piju kien għamel lin-nies tal-post meta qalilhom li kemm San Giovanni Rotondo, il-post imbierek, u l-kumplament tal-Gargano kienu se jkunu meħlusin mill-gwerra, kif fil-fatt ġara.



JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

# Użanzi antiki għal matul il-jiem tar-Randan

## IL-PRIETKA DWAR IL-PASSJONI

Matul il-jiem tar-Randan f'xi knejjes parrokkjali u konventwali nħolqu drawwiet li kienu jitwettqu minn sena għal oħra. Waħda minn dawn id-drawwiet kienet il-prietka dwar il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Wara din il-prietka kien ikun hemm il-kant ta' wieħed mill-isbaħ salmi – il-*Miserere.*

### Ħruġ ta' statwa kull Ħadd tar-Randan

Drawwa oħra li kienet u għadha ssir hija l-ħruġ ta' vara tal-passjoni kull ġimgħa tar-Randan. Kienu jintgħażlu vari li kienu jirrappreżentaw il-misteri tat-Tbatija tar-rużarju. Fl-ewwel ġimgħa kienu joħorġu l-vara ta' Ġesù fl-ort. Fit-tieni ġimgħa kienet tidher fil-korsija tal-knisja l-vara tal-Marbut. Din il-vara kienet ukoll magħrufa bħala 'tal-Kolonna'. Wara l-Marbut kien imiss il-vara tal-Porpra. Xi wħud kienu jsejħu 'l din il-vara bħala 'l-vara tal-Ecce Homo'. Ir-raba' ġimgħa kien ikun hemm fil-knisja l-vara tar-Redentur. Din il-vara għandha isem ieħor – xi Maltin isejħulha 'l-vara tal-Imgħobbi'. L-aħħar vara kienet tkun il-vara tal-Kruċifissjoni jew aħjar il-Vara l-Kbira.

Il-knejjes li kellhom u għad għandhom din id-drawwa huma l-knejjes parrokkjali taż-Żejtun u ta' Ħal Qormi (il-parroċċa ta' San Ġorġ), kif ukoll il-knisja konventwali tal-patrijiet Ta' Ġieżu fil-Belt Valletta. Fil-Belt Valletta mill-knisja ta' Ġieżu kienet toħroġ purċissjoni b'dawn il-vari kull Ħadd tar Randan. Dawn il purċissjonijiet kienu jissejħu 'stazzjonijiet'. Naturalment f'dawn il-purċissjonijiet kienu jieħdu sehem il-fratelli tal-Arċikonfraternità tas-Santissimu Kurċifiss. Bormla wkoll kellha din id-drawwa. Id-drawwa Bormliża kienet xi ftit differenti għax il-vari ma kinux jinħarġu fil-knisja parrokkjali iżda fl-oratorju, fejn



kienet issir funzjoni żgħira li kienet tinkludi prietka.[1] Dan l-aħħar mill-Bażilika ta' San Ġorġ t'Għawdex bdew joħorġu dawn il-vari tal-passjoni kull Ħadd tar-Randan.

Matul il-ġranet tar-Randan, fiż-żmien meta l-opra kienet mezz importanti ta' divertiment, it-Teatru Rjal kien jagħlaq u l ebda opra ma kienet tittella'.[2] Ommi kienet tgħid li fi tfulitha, fir-raħal ta' Ħal Tarxien, waqt ir-Randan ma kinux jittellgħu d-drammi fit-teatru tal-kappillan. Li kien jittella' kien xi dramm marbut mal-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.[3]

## Il-festa tal-Via Sagra

F'wieħed mill-Ħdud tar-Randan kienet issir, fil-knejjes, il-festa tal-Via Sagra. Fil-knejjes kienu jsiru 14-il prietka għax fil-Via Sagra hemm 14-il stazzjon, jiġifieri prietka fuq kull stazzjon. Il-predikatur kien ikun xi qassis jew patri li kien ikun magħruf għall-għerf tiegħu fejn tidħol il-Kelma t'Alla. Kien irid ukoll ikollu vuċi tajba għax f'dawk iż-żminijiet ma kienx hawn loudspeakers. Bejn prietka u oħra kien isir intervall bil-mużika. Fost il-knejjes li kienu jiċċelebraw din il-festa kien hemm il-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni u dik ta' San Filippu f'Ħaż-Żebbuġ. Il-Kanonku Dun Ġużepp Bonello jgħidilna li qabel it-Tieni Gwerra Dinjija l-mużika ta' din il-festa kienet f'idejn is-Surmast Pace, magħruf bħala Ta' Babusu. Min-naħa l-oħra, wara din il-gwerra, il-mużika tal-festa tal-Via Sagra kienet f'idejn is-Surmast Lorenzo Galea. Dan is-surmast kien mill-Birgu.

Il-Kanonku Dun Ġużepp Bonello għadda kumment fuq il-mużika ta' din il-festa fil-knisja parrokkjali ta' Bormla: "Din il-festa kienet ukoll għal qalb in-nies, għax ħafna kienu jmorru l-knisja biex jisimgħu l-mużika sagra u funebri li kienet tindaqq bejn prietka u oħra. Niftakru li dak iż-żmien ma kienx hawn la televiżjoni u la CDs. Kull minn kien irid jisma' xi mużika sabiħa kien irid imur il-knisja."






Referenzi:

1. Bonello, J. "Ir-Randan fi tfuliti - Drawwiet li spiċċaw", *f'Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla AD 1862,* nru 31. Il-festa tal-Kunċizzjoni Immakulata fil-Belt Cospicua, Diċembru 1999: 61.
2. Bonello, J. "Ir-Randan fi tfuliti... op cit: 61.
3. Ommi, Lorenza Camilleri (xebba Bezzina), magħrufa aktar bħala Wenza tan-Nuċa, twieldet fl-1921 u mietet fl-2013. Id-dinja tagħha kienet limitata għal dak li kien Tarxiniż. Ħal Tarxien kien jiġi l-ewwel u qabel kollox.



FR IVAN SCICLUNA OFMCap

# Ġieli titlef il-paċenzja? San Franġisk għandu xi jgħidlek...

Fl-artiklu tax-xahar li għadda rajna kif il-bniedem umli huwa dak li jaċċetta l-fatt li hu dgħajjef u ċkejken, f'paragun ma' Alla li huwa, fi kliem San Franġisk, "l-Aktar Għoli u Glorjuż". Il-qaddis Umbrijan kien jaf li biex wieħed jaċċetta d-dgħufija, iċ-ċokon u l-limiti tiegħu nnifsu jeħtieġ sabar kbir. M'hemmx progress fl-umiltà mingħajr doża qawwija ta' paċenzja. Fil-kitbiet tiegħu San Franġisk spiss jorbot dawn iż-żewġ virtujiet flimkien. Għalih l-umiltà u l-paċenzja huma bħal koppja li ma tafx b'divorzju! Hekk, pereżempju, fi Twissija 13 narawh isemmi għal darba, darbtejn din il-koppja ta' virtujiet: "Ma jistax ikun jaf x'sabar u x'umiltà għandu l-qaddej ta' Alla sakemm kollox imurlu ħarir. Imma meta jasal dak il-waqt li fih dawk li suppost jikkuntentawh joħolqulu l-inkwiet, għandu tant sabar u umiltà daqskemm juri f'dak il-ħin u mhux iktar minn daqshekk." Se nippruvaw nidħlu ftit fil-fond ta' din it-twissija mill-iktar prattika, bit-tama li nitħajru nintegraw aħjar dawn iż-żewġ virtujiet fil-mixja spiritwali tagħna.

San Franġisk kellu ħabta jitkellem dwar koppji ta' virtujiet għax, fil-ħsieb tiegħu, waħda tispjega aħjar lill oħra u tagħmilha iktar konkreta. Pereżempju meta jitkellem dwar il-faqar Franġisku ma jonqosx li jorbot din il-virtù evanġelika ma' dik tal-umiltà. Għalih il-faqar minn barra m'għandux sens u jispiċċa jsir għajn ta' kburija jekk ma jkunx imlibbes bil-libsa tal-umiltà. Hekk ġralhom l-ewwel Franġiskani: bdew jiġġieldu bejniethom u jiġġudikaw lil xulxin dwar min kien qed



jgħix il-faqar l-iżjed. Stinkaw biex ikunu fqar waqt li nkiss inkiss injoraw il-virtù tal-umiltà (jew minorità), dak li Patri Làzaro Iriarte sejjaħlu, "l-isforz impossibbli... biex 'ikunu fqar' mingħajr ma kellhom il-kuraġġ li 'jkunu minuri' (jew umli)." Min-naħa l-oħra, mingħajr il-konkretezza tal-faqar esterjuri, l-umiltà ta' dak li jkun ma tkunx ġenwina u tirriduċi ruħha għal sentimentaliżmu frivolu.

Kif turina Twissija 13 San Franġisk ma jorbotx biss l-umiltà mal-faqar imma wkoll mal-paċenzja. Il-koppja umiltà-paċenzja tixref kemm f'siltiet fejn Franġisku jitkellem dwar il-paċenzja li għandna nuru lejn il-proxxmu tagħna kif ukoll f'testi li jitħaddtu dwar is-sabar li għandu jkollna quddiem ir-realtà tal-mard u t-tbatija. Pereżempju waqt li jħajjar lis-superjuri biex qatt ma jiskandalizzaw ruħhom b'xi dnub ta' ħaddieħor, Franġisku jwissi: "U m'għandux jitlagħlu għal ħuh minħabba xi dnub li jkun għamel, imma għandu jwissih u jgħinu bis-sabar u bl-umiltà kollha" (*Ittra lill-Insara II,* 44). Fl-għaxar kapitlu tar-Regola Bullata Franġisku jeżorta lill-patrijiet biex "jitolbu dejjem b'qalb safja, li jkollhom l-umiltà u s-sabar fil-persekuzzjoni u fil-mard; u jħobbu lil dawk li jippersegwitawhom u jċanfruhom u jgħidu l-gideb fuqhom."

Il-quċċata tar-rabta bejn l-umiltà u l-paċenzja tintlaħaq fid-dittiku mnaqqax fi Twissija 27, li jgħid hekk: "Fejn hemm is-sabar u l-umiltà ma hemm la korla u lanqas inkwiet." Mhux li kien! Il-fatt li din il-koppja ta' virtujiet tixref ta' spiss fil-kitbiet tal-Fqajjar t'Assisi jurina li l-ewwel aħwa ma kinux sajmin minn atteġġjamenti li juru nuqqas ta' sabar u umiltà. Dan għandu jqawwilna qalbna u jagħmlilna kuraġġ meta nsibu rwieħna mxekklin mis-suppervja tagħna u mit-tendenza li nitilfu l-paċenzja!



Fi Twissija 13 nilmħu distinzjoni fina u ċara bejn il-paċenzja falza u l-paċenzja vera. "Ma jistax ikun jaf x'sabar u x'umiltà għandu l-qaddej ta' Alla sakemm kollox imurlu ħarir." Meta kollox jiġina tajjeb, meta nirċievu l-'grazzi' u l-'prosit', faċli nidhru paċenzjużi. Imma dawn is-sitwazzjonijiet mhumiex it-termometru tal-vera paċenzja! Meta jkollna r-riħ fil-qala' (li huwa iktar pjaċevoli mill-maltemp)

nistgħu nidhru sereni u trankwilli l-ġurnata kollha imma qajla nkunu għamilna pass 'il quddiem fil-virtù tal-paċenzja. Il-kalma li nkunu qed nittrażmettu tkun tappartjeni għal-livell uman jew naturali bla ma tfisser ċentimetru progress fis-sabar bħala virtù.

"Imma meta jasal dak il-waqt…" Dik l-'imma' turi qabża fit-Twissija u tindika l-passaġġ mill-paċenzja apparenti għall-paċenzja vera. Hawnhekk il-kuntest mhuwiex sempliċiment wieħed ta' mard jew ta' xi sfortuna li tittestja l-paċenzja tagħna, imma iktar minn hekk: ta' delużjoni. "Dawk li suppost jikkuntentawh joħolqulu l-inkwiet." F'dan il-każ l-offiża hija wisq ikbar! Biżżejjed naħsbu fl-uġigħ tal-ġenituri minħabba l-ingratitudni ta' wliedhom jew fid-delużjoni ta' min jinduna li ħabibu stess kien qed jagħwi 't-tfajla tiegħu kontrih minn wara dahru. Dan hu l-mument tal-verità biex inkejlu l-paċenzja tagħna: skont kemm nuruha f'dawn il-mumenti iebsa u qarsa, bla ma nħallu ċ-ċinga taqbżilna u nitilfu l-qaleb u l-ġbejna, imma nissaportu lill-ieħor u ma nerfgħuhilux fil-komma, daqshekk aħna umli u paċenzjużi "u mhux iktar minn hekk". Minn dan jidher biċ-ċar li mhu xejn faċli tkun paċenzjuż fil-veru sens tal-kelma. Bil-ħila tagħna biss ma jirnexxilniex. Neħtieġu l-grazzja ta' Alla li tqawwina u tixprunana biex nissaportu kull delużjoni bla ma nħalluha tgħaffiġna.

Il-meditazzjoni spissa tas-sabar ta' Kristu tul il-passjoni ħarxa tiegħu kienet iċ-ċavetta li fetħet għal San Franġisk l-għejun tal-grazzja biex felaħ jistabar bil-kuntrarjetà li kellu jaffaċċja minn ħutu l-patrijiet stess u bit-tbatijiet fiżiċi u interjuri li ħakmuh fl-aħħar snin ta' ħajtu. Hekk, imsieħeb ma' Kristu fis-sofferenzi tiegħu, Franġisku tgħallem minn Alla nnifsu l-vera paċenzja. Kien għalhekk li fil-litanija ta' titli ta' tifħir li jagħti lil Alla jesklama: "Int umiltà! Int sabar!" (*Tifħir lil Alla l-Għoli,* 4).

Mur u agħmel hekk int ukoll!

# 3. Ħobb issa, tħallix għall-aħħar

Illum, waqt li missieri, 3 ħuti subien u żewġ ħuti bniet konna l-isptar madwar is-sodda ta' ommi moribonda, bi kliem bilkemm jiftiehem, qalet: "Kemm qed inħossni maħbuba bħalissa! Imissna għamilna hekk aktar spiss."

**RIFLESSJONI:**
Kemm hija storja li ddaħħalna f'qoxritna! Storja li ġġagħalna naħsbu u nirriflettu bis-serjetà. Hija storja li ħafna minna nistgħu ngħaddu minnha. Omm li waslet fl-aħħar ta' ħajjitha u qed tifraħ tara lil uliedha kollha miġburin madwarha. Ferħet, imma xtaqet li dik ix-xena ma kellhiex għalfejn tistenna t-tmiem ta' ħajjitha biex taraha. Xtaqet taraha kuljum. Din hija x-xewqa ta' kull omm u missier, jiġifieri li jaraw lil uliedhom miġburin flimkien, jinħabbu bejniethom u juru rispett kulljum. X'jiswa li turi l-imħabba tiegħek lejn il-ġenituri tiegħek f'mewthom jew wara mewthom? Ħobbhom issa. Issa mur arahom. Issa urihom rispett u mħabba għax għada jista' jkun tard wisq.

Kav. Manwel Cutajar EOHSJ, BA , DEAM, BA (Rel. Stud.)



# Is-sbuħija tal-purgatorju:

## Att kbir tal-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin

**L-Eżistenza tal-Purgatorju**

Il-purgatorju mhuwiex xi invenzjoni tal-Knisja Medjevali, kif jippruvaw ipinġuh xi wħud. It-twemmin fi stat ta' purifikazzjoni wara l-mewt huwa antik daqs il-Knisja Kattolika nnifisha u jinsab fil-Kotba Mqaddsa. Il-Kristjani dejjem talbu għall-mejtin, anki qabel ma bdiet tintuża l-kelma 'purgatorju'.

### Mill-Kotba Mqaddsa

It-tagħlim dwar il-purgatorju hu msejjes fuq il-Kotba Mqaddsa, kemm tal-Antik kif ukoll tal-Ġdid Testment. Hekk fit-Tieni Ktieb tal-Makkabin (12:45) Ġuda offra s-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni għad-dnubiet tal-mejtin. Il-Knisja Kattolika ssostni li *"dawk kollha li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhux safja għalkollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom iġarrbu purifikazzjoni biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fil-hena tas-sema* (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 1030). Il-Knisja fformulat did-duttrina b'referenza għas-siltiet Bibliċi li jitkellmu dwar il-purifikazzjoni tar-ruħ (1 Kor. 3:15; 2 Timotju 1:18; 1 Pietru 1:7; u l-Ktieb tar-Rivelazzjoni 21:27). Din id-duttrina ġiet definita wkoll fit-Tieni Konċilju ta' Lyons (1272-1274), fil-Konċilju ta' Firenze (1431-1449) u l-Konċilju ta' Trentu (1545-1563).

### Il-purgatorju mhuwiex kastig!

Anzi huwa rigal u xhieda mill-aqwa tal-imħabba li Alla għandu lejn kull bniedem. Alla bħala Missierna jħobbna lkoll u jridna niksbu s-salvazzjoni tagħna. Il-ħniena ta' Alla hija infinita, bil-wisq akbar minn kull dnub, kbir kemm jista' jkun kbir, li jwettaq il-bniedem. Alla dejjem hu lest li jaħfrilna malli nitolbu l-maħfra tiegħu, u nqerru dnubietna kollha għand is-saċerdot. Alla hu l-fejjieq li japplika r-rimedju biex jagħmilna immaġni perfetta ta' Kristu. Alla mhux biss irid isalvana mill-Infern – l-istat ta' firda eterna minnu, imma jrid li jeħlisna mid-dnub, li jnaqqsilna d-dinjità kbira tagħna u li biha ħalaqna Alla għaliex riedna nkunu xbieha tiegħu. Ir-ruħ tagħna hi xbieha tal-istess Ħallieq tagħna.

L-erwieħ fil-purgatorju jesperjenzaw uġigħ kif ukoll ferħ u tama qaddisa. Tabilħaqq l-erwieħ fil-purgatorju jbatu, imma



b'differenza mill-erwieħ fl-infern, għaliex filwaqt li dawn m'għandhom l-ebda tama ta' ħelsien u serħan mit-tbatijiet tagħhom, l-erwieħ tal-purgatorju jafu li t-tbatijiet tagħhom huma temporanji u tranżitorji, u għandhom iċ-ċertezza li wara dik it-tbatija se jmorru jgawdu l-hena tal-ġenna magħqudin ma' Alla għall-eternità kollha. Il-purgatorju huwa bħala antikamra, l-intrata, biex insejħulha hekk, tal-ġenna.

L-erwieħ fil-purgatorju huma kontinwament mexjin lejn il-glorja eterna. Id-destin tagħhom issa hu ssiġillat, u hu destin imbierek u qaddis. Għalhekk iż-żmien tagħhom fil-purgatorju huwa mmarkat mhux biss bit-tbatija imma wkoll bil-ferħ. Is-sofferenza li l-erwieħ iġarrbu fil-purgatorju *"hija wġigħ imbierek, li fih il-qawwa tal-imħabba ta' Kristu tgħaddi minn ġo fina bħala fjamma..."* (enċiklika tal-Papa Emeritu Benedittu XVII *Spes Salvi*, paragrafu 47).

## Stat ta' ferħ kbir

L-idea tradizzjonali tal-purgatorju tidher tiffoka l-aktar fuq it-tbatija u l-purifikazzjoni tar-ruħ wara l-mewt (anki bin-nar). Iżda Santa Katerina ta' Ġenova tiddeskrivi l-purgatorju bħala stat ta' ferħ kbir: *Nemmen li l-ebda ferħ ma jista' jinstab denn li jkun imqabbel ma' dak ta' ruħ fil-purgatorju,*



*ħlief dak tal-qaddisin fil-ġenna. It-tbatijiet tal-purgatorju huma l-manifestazzjonijiet tal-imħabba ta' Alla; u maż-żmien dan il-ferħ dejjem jikber hekk kif l-Ispirtu ta' Alla jgħammar f'dawn l-erwieħ tal-purgatorju.*

Benedittu XVI jitkellem dwar il-preżentazzjoni ta' Santa Katerina, li għaliha n-nar tal-purgatorju mhuwiex nar estern imma intern. F'dan il-kuntest Benedittu fit-12 ta' Jannar 2011 tkellem dwar in-nar tal-purgatorju bħala nar purifikanti li jitħeġġeġ ġewwa r-ruħ tal-bniedem, esperjenza ta' tbatija tad-dispjaċir kbir li r-ruħ iġġarrab għad-dnubiet u n-nuqqasijiet tagħha li tkun wettqet matul ħajjitha f'din id-dinja. Il-Papa Emeritu kompla jgħid li l-purgatorju huwa proċess, mhux post. Tajjeb hawnhekk ukoll nirreferu għal dak li kien qal il-Papa San Ġwanni Pawlu II meta fl-4 ta' Awwissu 1999 tkellem dwar il-purgatorju: *"It-terminu ma jindikax post iżda kundizzjoni ta' eżistenza. Dawk li wara l-mewt jeżistu fi stat ta' purifikazzjoni huma diġà fl-imħabba ta' Kristu, li jneħħi minnhom il-fdalijiet tal-imperfezzjonijiet."*

Fl-aħħar nett, it-tagħlim fundamentali u bażiku tal-Knisja Kattolika dwar l-erwieħ li wara mewthom imorru mill-ewwel il-ġenna u dawk li jmorru l-purgatorju jista' sempliċiment jitfisser b'dan il-mod: dawk l-erwieħ li jkunu laħqu stat perfett ta' qdusija u li m'għandhom bżonn ebda purifikazzjoni fil-purgatorju jmorru direttament il-ġenna. Lil dawn bir-raġun kollu l-Knisja tiddikjarahom u ssejħilhom 'qaddisin'. U hekk tabilħaqq huma! Fi kliem ieħor, il-qaddisin biss jidħlu fil-hena u l-glorja eterna tal-ġenna biex igawdu lil Alla u l-imħabba infinita tiegħu. Mill-banda l-oħra, il-funzjoni u l-għan ewlenin tal-purgatorju huma li jagħmel lil dawk kollha li jkunu fih qaddisin u werrieta dejjiema tas-sema.

Dan ifisser li ċertament il-purgatorju jagħmel il-qaddisin, u propju f'dan tikkonsisti s-sbuħija tal-purgatorju!

George Zammit

# Ruħi għatxana għalik, Mulej

**Iż-żmien huwa wieħed mir-rigali prezzjużi**

Kull persuna fuq din il-pjaneta għandha l-istorja tagħha stess li tista' twassal f'salib it-toroq. Jgħidu li trid tidħol fiż-żarbun ta' dak li jkun biex tipprova tifhem eżatt l-aspett diffiċli tar-realtà li jkun qiegħed jiffaċċja. Għalhekk ma niġġudikawx lil xi ħadd qabel ma nkunu nafuh bis-sħiħ, għax il-verità tista' tissorprendina. Kull ġurnata ġġorr il-piżijiet tagħha, kif fil-fatt ġara dan l-aħħar b'tant inċidenti fit-toroq tagħna. Jekk fil-passat irnexxielna nsolvuhom, ma ninsewx li ma konniex weħidna. Ġesù Kristu diġà ġarr il-piżijiet kollha tagħna qabilna fuq is-salib. Il-Mulej kuljum jgħinna biex inġorru l-problemi tagħna, jaqsam it-tbatija magħna u jħarisna mill-mumenti kollha mudlama billi jħoss u jerfa' t-toqol tagħna u jakkumpanjana kull fejn inkunu. Ġesù huwa s-salvazzjoni għal kull bniedem u għal kull poplu.



Mara għaqlija li kienet qed timxi f'mogħdijiet kollha siġar fuq muntanja sabet ġebla prezzjuża viċin nixxiegħa żgħira bl-ilma. Ftit 'il bogħod sabet xwejjaħ bil-ġuħ mixħut fl-art għad-dell ta' siġra u din il-mara għaqlija waqfet u fetħet basket. Poġġiet ħdejn ir-raġel biex tibda taqsam il-biċċa ħobż li kellha miegħu.

L-anzjan, għalkemm bil-ġuħ, ipprefera dik il-ġebla prezzjuża u staqsa lill-mara jekk tistax tagħtih din il-ġebla flok l-ikel. Għalkemm il-mara kienet taf li din il-ġebla kienet prezzjuża, għamlet mingħajr dewmien skont ix-xewqa tax-xwejjaħ.

Immedjatament l-anzjan telaq kuntent, ferħan b'din il-fortuna sabiħa li ltaqa' magħha. Kien jaf sewwa li skopra ġebla li kienet tiswa biżżejjed biex ikompli jgħix b'sigurtà kbira l-kumplament ta' ħajtu.

Imma wara ftit jiem dan ix-xwejjaħ telaq lura lejn il-muntanja biex jirritorna din l-istess ġebla lil dik il-mara. Kif wasal resaq lejn il-mara u qalilha: "Irriflettejt ftit fuq kemm il-ħajja hija qasira u fuq il-valur ta' din il-ġebla. Iddeċidejt li nirritorna lura din il-ġebla bit-tama li tkun tista' tagħtini xi ħaġa saħansitra aktar prezzjuża."

Immedjatament il-mara għaqlija qaltlu: "M'għandi xejn aktar prezzjuż x'noffrilek minn din il-ġebla."

Dak il-ħin ix-xwejjaħ bid-dmugħ f'għajnejh ħares lejn wiċċ il-mara, resaq aktar viċin tagħha u qalilha:

**"Agħtini dak li għandek ġo fik li wasslek biex tagħtini din il-ġebla prezzjuża."**

**L-anzjan ipprefera l-qalb ħanina ta' dik il-mara milli l-valur prezzjuż tal-ġebla.**

Meta l-ħajja tkun iebsa minħabba l-problemi, dan ir-rakkont tax-xwejjaħ u l-mara għaqlija mhux biss taqrah u twarrbu fil-ġenb imma tipprova tpoġġih fil-prattika ħalli tikkawża bidla għall-aħjar ġewwa fik.

Il-ward jidbiel, iż-żmien itir u fl-aħħar mill-aħħar l-importanti hu l-ħajja li tpoġġi f'dan iż-żmien. Il-jiem ta' kull bniedem jgħibu u jintemmu bħal tnehida s-snin ta' ħajjitna. Żmien ħajjitna hu b'kollox sebgħin sena, l-iżjed tmenin, jekk inkunu f'saħħitna, u l-biċċa l-kbira taħbit, malajr jgħaddu u aħna mmorru magħhom.

**"Mulej, irrid nieqaf minuta bla ma nitolbok xejn, biex ngħidlek grazzi ta' dan iż-żmien li sliftni."**

Ġesù jistedinna biex nagħrfu dan ir-rigal taż-żmien u tal-grazzja tiegħu ma' ħutna l-bnedmin. Alla l-gwardjan tagħna – irridu nħallu lilu jiggwidana lejl u nhar biex aħna nieħdu deċiżjonijiet għaqlin.

Fil-Mulej hemm il-ġustizzja u l-ħaqq, u għad jiġu quddiemu kollhom mistħija dawk ta' bla ħniena lejn il-foqra, dawk kollha li nkurlaw kontrih tul il-ħajja tagħhom f'din id-dinja. Infakkar f'dak ir-raġel li nstab mejjet minħabba l-kesħa fl-20 ta' Jannar li għadda ftit metri bogħod minn Pjazza San Pietru f'Ruma. Storja f'ċirkustanzi drammatiċi ta' dan in-Niġerjan ta' 46 sena, fqir, batut, abbandunat bla saqaf.



Ejjew ngħożżu dan id-don infinit taż-żmien, billi nivverifikaw l-imħabba tagħna lejn dawn il-vittmi, persuni bla djar, il-familjari tagħhom, li anke fl-aktar pajjiżi sinjuri saret l-akbar problema estrema soċjali.

Alla jrid li nbiddlu l-mentalità tagħna u ħajjitna, ma nibqgħux nimxu biss fuq il-mudell tad-dinja materjalista imma fuq dak li jgħidilna u jitlob minna Alla stess. Għalhekk kull mument tal-eżistenza tagħna huwa żmien prezzjuż biex inħobbu lil Alla u lill-proxxmu. L-istorja ta' ħajjitna għandha l-valur tagħha li tkun żmien privileġġjat magħmul minn sigħat, ġranet u snin prezzjużi ta' laqgħa kontinwa mal-Mulej biex l-iskop ikun dejjem wieħed u l-istess: **fiduċja f'xi ħadd omnipotenti li nafdaw fih, mezz biex naslu għall-għan aħħari ta' ħajja aħjar – "li nidħlu fil-ħajja ta' dejjem"**.



BR MIGUEL ZAMMIT OFMCap
SEGRETARJU PROVINĊJALI

## 1. Jumejn ta' akkoljenza fil-fraternità tal-Kalkara

Bejn is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Novembru 2021 fil-kunvent tal-Kalkara ġew organizzati jumejn ta' akkoljenza. Dan il proġett ta' akkoljenza kien ġie diskuss u approvat fil-kapitlu provinċjali tas-sena 2016. Wara l-aħħar kapitlu provinċjali tas-sena 2019 twaqqfet kummissjoni oħra magħmula minn Ħutna Miguel Zammit, Jethro Bajada u Charles Azzopardi.



Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 dan il-proġett kellu jiġi pospost għal xhur sħaħ. Issa kien inħass li huwa żmien tajjeb sabiex jerġa' jsir tentattiv għal dan l-esperiment. Matul dawn il-jumejn, li għal din id-darba kien miftuħ għall-irġiel biss, ġew aċċettati 7 persuni. Dawn il-persuni kellhom iċ-ċans li jidħlu fl-orarju kollu tal-fraternità: ikel, talb u rikreazzjoni, u anke tħejjew mumenti ta' laqgħat ta' formazzjoni għal dawk li attendew. Din l-esperjenza kienet waħda pożittiva ħafna, kemm għal dawk li attendew, li lkoll ikkummentaw kemm din l-esperjenza kienet ta' għajnuna għalihom, u anke għall-fraternità tal-Kalkara, li kebbset fiha l-entużjażmu. Nitolbu sabiex dan il-proġett ġdid fi ħdan il-provinċja tagħna jkompli jikber u jħalli l-frott.

## 2. Laqgħa tal-Ordni għall-Provinċjali tal-Ewropa

Bejn il-11 u s-16 ta' Ottubru 2021, ġewwa l-Polonja, ġiet organizzata laqgħa tal-Ordni tagħna għall-ministri provinċjali kollha tal-Ewropa bit-titlu "Il-Kapuċċini fl-Ewropa: Il-Ħolma tal-Fraternità". B'kollox kienu preżenti madwar 90 superjur maġġuri: ministri provinċjali, kustodji u delegati mill-Ewropa u anke mit-Turkija u l-Libanu. Għal-laqgħat attendew ukoll il-kunsillieri ġenerali, l-aħwa responsabbli mill-formazzjoni tal-Ewropa u aħwa oħra mill-Kurja Ġenerali.

Dawk kollha li attendew kellhom iċ-ċans li flimkien jirriflettu fuq l-identità tagħna l-Kapuċċini fl-Ewropa u jiddiskutu anke l-isfidi li qegħdin niltaqgħu magħhom. Kien hemm ukoll diversi persuni mistiedna biex jagħtu r-riflessjoni tagħhom, kemm aħwa Franġiskani Kapuċċini, aħwa Franġiskani Minuri, soru Klarissa u lajċi. Kien hemm oħrajn ukoll li taw l-interventi tagħhom online. It-temi li ġew diskussi kienu jinkludu l-Ewropa llum, l-isfidi tal-evanġelizzazzjoni l-ġdida fl-Ewropa, l-istruttura tal-konferenzi tal-Ewropa, il-proġetti ta' San Lawrenz ta' Brindisi, il-formazzjoni inizjali fl-Ewropa u ż-żgħażagħ u l-ħidma vokazzjonali fl-Ewropa. F'isem il-provinċja tagħna għal dawn il-laqgħat attenda Ħuna Hayden Williams, vigarju provinċjali.



## 3. L-esperjenzi ta' Ħuna Fr Joe Grixti fil-Kenja




Għal darb'oħra għandna f'idejna l-ktieb li madwar ħames snin ilu Ħuna Patri Joe Grixti OFMCap kien ippubblika dwar l-esperjenzi tiegħu fil-Kenja. Huwa ktieb li meta ħareġ għall-ewwel darba kien inħataf. Issa qiegħed f'idejna mill-ġdid. Dawk kollha li jħobbu jaqraw fuq il-missjoni, speċjalment minn xiex għaddew l-ewwel missjunarji Maltin meta fis-sena 1974 kienu marru l-Kenja, eżattament Garissa, m'għandux joqgħod lura milli jakkwista dan il-ktieb, li minnu hemm numru limitat ta' kopji.

Min jixtieq jixtri dan il-ktieb u fl-istess waqt ikun qed jgħin lill-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja jista' jikkuntattja direttament lil Fr Joe Grixti fil-kunvent-parroċċa ta' Marija ta' Lourdes f'San Ġwann. Tel. 21386113 / mowbajl 9985 8292

## 4. Żjajjar tal-isqfijiet




Il-Ħadd, 19 ta' Diċembru 2021, fir-raba' Ħadd tal-Avvent, l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, qaddes quddiesa fil-kappella tal-Isptar Mater Dei. Din il-quddiesa kienet trażmessa wkoll live fuq TVM. Ma' Mons. Arċisqof ikkonċelebra Ħuna Bertrand Vella, wieħed mill-kappillani ta' dan l-isptar. Fl-omelija tiegħu l-Arċisqof tkellem dwar kif iż-żjajjar lill-marid jistgħu jkunu tassew opportunità li Alla jagħtina sabiex il-Mulej jerġa' jidħol fil-ħajja ta' dak li jkun.



Hu appella lil dawk preżenti u anke lil dawk li kienu qed isegwu fuq it-televiżjoni biex lil Ġesù ma narawhx biss fil-marid u fil-batut imma anke f'dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa u jduru bil-marid. Infatti huwa qal hekk: "Min jaf kemm-il darba f'dan il-post għażiż ta' kura, ta' professjonalità, ta' dedikazzjoni, iż-żjajjar lill-pazjenti jsiru mhux biss att ta' mħabba imma wkoll att li permezz tiegħu l-Mulej jerġa' jidħol fil-ħajja ta' dak li jkun, għax meta inti vulnerabbli bil-mard, f'qiegħ ta' sodda, id-dinja tibda taraha minn perspettiva differenti. F'dan il-post li fih qed niċċelebraw l-Ewkaristija fil-Ħadd ta' qabel il-Milied, il-Mulej jgħallimna niltaqgħu miegħu fil-mard u fit-tbatija. Imma niltaqgħu miegħu wkoll f'dawk kollha li jagħtu ħajjithom fis-servizzi tas-saħħa li joffri dan l-isptar."



Wara l-quddiesa Mons. Arċisqof qatta' mument żgħir fil-kunventin tal-isptar, fejn iltaqa' mal-Aħwa li kienu xogħol dakinhar u anke mal-awtoritajiet tal-isptar. Hu radd il-ħajr lil dawk l-aħwa li jagħtu dan is-servizz kontinwament b'risq il-pazjenti u l-istaff tal-isptar.

Fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin ukoll kien hemm żewġ żjajjar tal-isqfijiet. Nhar il-Milied saret quddiesa konċelebrata minn Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, u l-għada, il-Ħadd, 26 ta' Diċembru 2021, solennità tal-Familja Mqaddsa, saret quddiesa mmexxija minn Mons. Joe Galea Curmi, Isqof Awżiljarju. F'dawn iż-żewġ ċelebrazzjonijiet ikkonċelebraw mal-isqfijiet il-kappillani tal-Faċilità Korrettiva flimkien mal-Ministru Provinċjali.

## 5. Vidjow b'kanzunetta tal-Milied



Għal darb'oħra l-équipe vokazzjonali tal-provinċja tagħna ppreparaw kanzunetta u vidjow għal dażżmien qaddis tal-Milied, bl-isem, "O liema ferħ tassema". Il-ħsieb wara l-vidjow, li nħadem fil-knisja tagħna tal-Furjana, huwa li l-messaġġ tal-Milied huwa għal kull età u ġenerazzjoni. Dan joħroġ mill-fatt li jidhru persuni ta' etajiet differenti li jidħlu l-knisja. Ikantaw f'dil-kanzunetta Ħutna Joe Giuliano, Antoine Ebejer u Jethro Bajada. Bejn strofa u oħra hemm ukoll riflessjonijiet dwar San Franġisk u l-Milied, il-Milied bħala sejħa personali kif ukoll il-Milied għalina l-patrijiet. Dawn ġew ippreparati minn Ħutna Joe Buttigieg, Hayden Williams u Miguel Zammit. Wieħed jista' jara dan il-vidjow bil-link **https://www.youtube.com/watch?v=xs23rhi2de8**

## 6. Irtir tal-Avvent



It-Tlieta, 30 ta' Novembru 2021, ġewwa d-Dar Ħanin Samaritan f'Santa Venera sar nofstanhar irtir tal-Avvent għall-aħwa kollha tal-Provinċja. Dan l-irtir tmexxa missaċerdot Għawdxi Dun Noel Debono. Fiżżewġ konferenzi li kellna huwa tkellem dwar l-episodju mill-Evanġelju skont San Ġwann kapitlu 6, 1-21. Kien tassew mument ta' riflessjoni tajba bħala preparazzjoni għall-Milied. Kienet ukoll inkoraġġanti l-attendenza tal-aħwa tagħna għal dan l-irtir.

# 4. Inkunu pożittivi fil-ħajja

Rajt pazjenta b'kanċer tas-sider tidħaq kemm tiflaħ bil-praspar li kienet qed tagħmel bintha ta' sentejn. Irrealizzajt li għandi nieqaf ingerger u nibda ngħix ħajti b'mod aktar pożittiv.

**RIFLESSJONI:**
Kemm huwa importanti li fil-ħajja nitgħallmu dejjem inkunu pożittivi! Mhux faċli. Imma għalina bħala Nsara li nemmnu f'Ġesù Kristu dak li għal min ma jemminx jidher diffiċli għalina għandu jsir faċli, dak li għal min ma jemminx jidherli huwa impossibbli, għalina li nemmnu għandu jsir possibbli - dejjem bil-għajnuna ta' Alla. Ġesù stess kontinwament fil-mard tagħna jistedinna biex immorru għandu u "Hu jagħtina l-mistrieħ". Li tkun pożittiva fil-ħajja huwa frott il-fidi, huwa parti millfejqan, hija l-attitudni tal-qaddisin. Kuraġġ, hija u oħti li tinsab imtaqqal bis-salib tal-ħajja ta' kuljum. Alla huwa dejjem magħna!

FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap



# Mixja sinodali, ħajja konsagrata, familja

B'dedika speċjali lill-Papa Franġisku u talba f'għeluq id-disa' snin tiegħu bħala papa fit-13 ta' Marzu.

F'dawn l-aħħar ġimgħat smajna 'l-Papa u anke 'l-isqfijiet tagħna jħeġġuna biex inkomplu dil-mixja sinodali sabiex niskopru dejjem aktar in-natura tal-Knisja li tisma'. Hekk ilkoll "ngħixu l-Knisja bħala komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni". B'dan il-mod kulħadd jagħti sehmu kollu biex inkunu "poplu t'Alla ħaj" f'dinja li tagħmel minn kollox biex twarrab 'il Kristu u l-Evanġelju tiegħu.

Mingħajr dubju dan jgħodd ħafna għas-saċerdoti u għall-persuni li jgħixu l-ħajja konsagrata kemm fl-istat reliġjuż kif ukoll f'dak sekulari. Hekk dawn ikunu dawl u mudell għall-familji madwarhom kull fejn ikunu. B'dan it-ton tkellem il-Papa Franġisku ħafna drabi tul dawn id-disa' snin li ilu ragħaj universali tal-Knisja.

Imma b'mod speċjali fl-aħħar jiem ta' Jannar u l-bidu ta' Frar li għadda l-Papa Franġisku kellu l-okkażjoni tal-Jum Dedikat lill-Ħajja Konsagrata (it-2 ta' Frar) u għeluq il-75 sena mill-approvazzjoni tal-Knisja tal-istituti sekulari. Tajjeb li wieħed ikun jaf li fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, fi żmien il-Papa Piju XII, kienu bosta l-lajċi li kienu jgħixu f'komunità jew fi djarhom waqt li jkomplu b'ħidmithom jew fl-impjieg/professjoni/missjoni tagħhom, imma marbutin ma' oħrajn bl-istess ideal, biex jgħixu l-ħajja konsagrata bil-voti "reliġjużi" – jew anke mingħajrhom – imma jagħtu xhieda ħajja ta' Kristu fejn ikunu. Fl-1947 il-Knisja dehrilha li kien wasal il-waqt li dawn jiġu approvati "uffiċjalment", kif fil-fatt għamel il-Papa dakinhar tat-2 ta' Frar ta' dik is-sena bil-kostituzzjoni appostolika *Provida Mater Ecclesia.*

F'dan il-75 anniversarju l-Papa bagħat ittra lill-Presidenta tal-Konferenza Internazzjonali tal-Istituti Sekulari, u l-Kongregazzjoni Vatikana tal-Ħajja Konsagrata u l-Istituti ta' Ħajja Appostolika bagħtet messaġġ lill-membri kollha fid-dinja b'messaġġ tassew sabiħ waqt li l-Papa għamel omelija li tkompli ssaħħaħ dan kollu fil-quddiesa f'S.Pietru.

## "Inwasslu lil Ġesù fid-dinja u d-dinja għand Ġesù"

Lill-istituti sekulari l-Papa fakkarhom fil-missjoni kbira li għandhom "bħala sekulari" li jwasslu lil Kristu fid-dinja u jieħdu d-dinja għand Ġesù, waqt li lilna l-persuni f'ħajja konsagrata fakkarna lkoll fid-dmir speċjali li ngħixu sħiħ is-sejħa tagħna lkoll, anke jekk b'tant modi u sfumaturi differenti – ilkoll skont il-kariżmi partikolari li jagħnu lill-Knisja. U dan imdawlin mill-mixja sinodali billi nieħdu sehem aktar attiv u ħaj – PARTEĊIPAZZJONI.

Il-Papa din id-darba ried jenfasizza dan l-aspett tal-mixja sinodali: komunjoni, parteċipazzjoni, komunjoni, u jtenni li dan huwa importanti ħafna għax meta nieħdu sehem tassew, u naraw li ħutna l-oħrajn fil-komunità jew il-fraternità jieħdu huma wkoll sehem sħiħ, billi ħadd... ħadd... ma jibqa' lura, inkunu nuru l-għaqda, l-imħabba, l-interess u



*Il-Papa Franġisku lir-reliġjużi (1 ta' Frar 2021): "Tkunux solisti fil-kor imma kantaw flimkien."*

ħafna aktar f'xulxin, tassew. Mhux bil-kliem imma bil-fatti.

Ekku kliem il-Papa Franġisku: *"Inħeġġiġkom timxu flimkien bħala komunità fl-ispirtu sinodali ta' parteċipazzjoni fejn il-membri kollha jħaddmu r-responsabbiltà wieħed għall-ieħor. Dan jagħmluh billi jisimgħu lil xulxin bla ma jħallu barra lil ħadd." Il-Papa jkompli b'qawwa jwissi: "Matul is-snin hemm il-biża' li din titlef il-qawwa tagħha, l-aktar meta aħna nibdlu s-sbuħija li tiġbed tal-'AĦNA' mal-qawwa tal-'JIENA'."* (Jiġifieri flok nibqa' naħseb li jiena parti ħajja minn komunità jibda jirbaħ l-individwaliżmu.)

Kemm huma qawwijin u attwali dawn il-kelmiet tal-Papa, u kemm neħtiġuhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fil-livelli kollha: fil-ħajja reliġjuża komunitarja, f'kull xorta ta' komunità ta' persuni mogħtijin lil Alla, fil-parroċċa, fil-familja... u wkoll fil-livelli kollha tal-ħajja...

Fil-ħajja tal-familja, li hija komunità speċjali, meta nkunu forsi nippjanaw xi ħaġa, anke żgħira, kemm nonqsu li nisimgħu tassew lil xulxin, biex kulma jsir ikun tassew għall-ġid ta' kulħadd! Aħseb u ara kemm ikunu aktar serji l-konsegwenzi meta xi ħadd, jista' jkun ir-raġel jew il-mara, jew xi ħadd mill-ulied meta dawn jibdew jikbru, jieħdu deċiżjoni li forsi ma tkunx l-aħjar waħda għall-ġid ta' kulħadd tassew; u mbagħad jibdew jinħassu l-qasmiet fil-familja, firdiet, gdiedem, wieħed jew waħda ma jkellmux lill-oħrajn, jinbnew il-ħitan, u ħafna affarijiet oħra, xi drabi b'konsegwenzi li jistgħu jkunu serji.

Niftakru dejjem li l-affarijiet il-kbar qatt ma saru f'daqqa, imma bdew bosta drabi minn affarijiet żgħar, imma għax ma qgħadniex attenti dawn malajr ħadu qisien kbar u waslu fejn ma xtaqna qatt naslu!

## "AĦNA mhux jiena"

Il-komunità ta' persuni konsagrati, jekk hija stess, jiġifieri jekk il-membri tagħha jagħrfu jgħixu tassew l-ispirtu tassew fejn kulħadd jieħu sehem, u sehem attiv, nistgħu ngħinu ħafna biex inkunu eżempju għall-familji madwarna.

Dwar it-tieni parti ta' dawn il-kelmiet tal-Papa, jiġifieri meta l-JIENA jieħu l-post tal-AĦNA, kemm għandu konsegwenzi mhux żgħar, u xi drabi kbar u kbar ħafna! Mhux l-ewwel darba naqraw, u



Il-Papa Franġisku ma' delegati mill-Konferenza Dinjija tal-Istituti Sekulari

mhux illum biss, l-imġiba ta' individwi li jabbużaw mill-qagħda tagħhom, mill-pożizzjoni tagħhom, u jfittxu l-JIENA qabel kull ħaġa oħra u jinsew li huma "qaddejja" waqt li qed iġibu ruħhom ta' patruni... jinqdew huma l-ewwel u jaqdu bla skrupli xejn lil min anke forsi ma jistħoqqlux!

Hekk, imbagħad, nistgħu nifhmu kliem il-Papa lil dawk li Alla jsejħilhom jgħixu f'ħajja Nisranija, impenjata, b'konsagrazzjoni speċjali, waqt li jibqgħu fil-qalba tad-dinja... ibda mill-ħajja ordinarja ta' kuljum u spiċċa f'dawk li jħossuhom imsejħin fil-ħajja politika. Hawn niftakar dejjem f'Don Luigi Giussani f'Milan, li ġa fis-snin ta' qabel il-Konċilju Vatikan II bil-mod il-mod kien beda fost l-istudenti, li mbagħad kiber u żviluppa. L-istess Don Giovanni Rossi bil-moviment Pro Civitate Christiana f'Assisi, li minnu ħarġu bosta personaġġi magħrufin f'diversi oqsma. U hekk f'pajjiżi barra l-Italja: fi Franza, Spanja, l-Indja, il-Kanada, il-Brażil u l-Amerika. Uħud anke sabu art fertili fostna.

Kliem il-Papa lil dawn il-persuni konsagrati fit-2 ta' Frar ukoll jiswa ħafna: *"Intom imsejħin biex tkunu l-melħ li jagħti togħma tajba madwarkom... u dan tridu twettquh bl-imħabba." Hekk "tkunu qegħdin tressqu d-dinja lejn il-Knisja" jiġifieri tressqu d-dinja lejn Kristu.*

Jekk ilkoll kemm aħna nilqgħu dawn il-kelmiet tal-Papa nkunu qed nagħtu sehemna kbir biex, wara li nissaħħu aħna fir-rabta sħiħa bejnietna bħala dixxipli tal-Mulej, inkunu nistgħu ngħinu oħrajn madwarna, kemm jekk huma familji kif ukoll individwi, u fuq kollox dawk li għandhom il-mezzi biex jinfluwenzaw lill-oħrajn, biex ngħinu nwasslu lill-istess familji, gruppi, movimenti u oħrajn eqreb lejn Kristu u l-Evanġelju tiegħu.

FR PAUL BUGEJA OFMCap



# Santa Katerina ta' Siena

## Torta tal-Ħaxix Morr



Hija waħda mill-Patruni tal-Italja.
Hi twieldet fis-sena 1347 f'familja numeruża.

Saret Terzjarja Dumnikana meta kellha 15-il sena, miġbuda mill-imħabba lejn il-foqra u l-morda.

Hija ħadmet ħafna kontra l-ereżiji fi żmienha u għenet sabiex il-Papa jirritorna minn Avignon għal Ruma. Mietet fis-sena 1380. Ġiet dikjarata qaddisa fl-1461 u ntgħażlet bħala Patruna tal-Italja flimkien ma' San Franġisk t'Assisi. Kif ukoll ngħatat it-titlu ta' Duttur tal-Knisja.

### Ingredjenti:



150gr selp (kale)
150gr spinaci
300gr dqiq
niskata bikarbonat
2 sinniet tewm
300g gobon (pecorino)
niskata noċimiskata
żejt taż-żebbuġa
melħ u bżar

### It-tisjir:

1. Ħallat id-dqiq mal-bikarbonat u ma' 100ml żejt u fforma għaġna.
2. Għattiha u ħalliha tistrieħ għal siegħa fil-fridge.
3. Aħsel u naddaf il-ħxejjex.
4. Qatta' biċċiet żgħar is-selp.
5. Qalli fi ftit żejt is-selp u l-ispinaċi flimkien mat-tewm imqatta'.
6. Meta tara li l-ħaxix sar żid il-ġobon maħkuk, in-noċimiskata, melħ u bżar
7. Iftaħ l-għaġina ġo dixx midluk bil-butir, u tella' xoffa għaġina madwar it-torta kollha.
8. Ferrex it-taħlita tal-ħaxix fil-wiċċ.
9. Aħmi ġo forn 180°C għal madwar siegħa.

FR WISTIN ATTARD OFMCap



# Tisliba Nru 199



1. Is-sitt wieħed. (Ħag. 1, 15) (5)
2. Ressquha quddiemu. (2 Mak. 4, 44) (6)
3. Hekk nixtieq 'il qalbi. (S. 51, 12) (5)
4. Eżempju fis-saħta u din. (Num. 5, 21) (5)
5. Mimli saħtiet u morr. (Rum. 3, 14) (4)
6. Fejn tmur int, ... jien. (Rt 1, 16) (5)
7. Il-wiċċ tagħha fuq wara. (Eżek. 1, 10) (5)
8. Dan hu Abraham. (1 Kron. 1, 27) (5)
9. Kunu... li Alla hu. (Ġobb 19, 6) (3)
10. Jagħmlu festa u hekk. (Est. 9, 22) (7)
11 u 12. Inqassam ġidi f'din. (1 Kor. 13, 3) (6)
13. Lil Alla tiegħek għandek tqim. (Mt. 4, 10) (6)
14. Billi lqajtu din. (1 Tess. 1, 6) (5)
15. Għal din taż-żina kbira. (Naħ. 3, 4) (5)
16. Kitarra, arpa, tanbur u... (Is. 5, 12) (5)
17. Ma jgħaddux ħajja mingħajr dan. (Tit. 3, 14) (5)
18. X'semma l-post Ġakobb. (Ġen. 35, 7) (2-5)
19. Ta' Filippi din. (Fil. 1, 1) (4)
20. It-travi tagħha huma taċ-ċedru. (Għan. 1, 17) (3)
21. Int, ..., taħsilli saqajja? (Ġw. 13, 6) (5)
22. U... il-ġid kollu ta' Ragħwel. (Tob. 14, 14) (5)

### Soluzzjoni għal Tisliba #198

1. Tiben; 2. Attakk; 3. Aħbar; 4. Ħalah; 5. Safi; 6. Dinar; 7. Iftaħ; 8. Arani; 9. Efa; 10. Amarija; 11 u 12. Akkost; 13. Saltna; 14. Nibni; 15. Abram; 16. Ħażin; 17. Iżakk 18. Imħabba; 19. Ħoss; 20. Luż; 21. Nassa; 22. Ibnek.

# Nru 52
# Oġġetti mill-Bibbja (12)

ARBLU
ARPI
BALLUN
BALLUT
FROTTA
GRAMPUN
ĦAJT
ĦERŻA
ĦXEJJEX
IMĦAŻEN
INĊENS
SFAFAR
SODER
SPALLA
TALENTI
TIEQA
TOPAZ
WIDNA
XKORA
XOFFTEJN

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | P | S | F | A | F | A | R | L | O | R | F | S |
| F | R | O | I | T | N | E | L | A | T | B | P | Ħ |
| Ġ | G | A | Q | E | I | T | F | L | Ħ | A | J | T |
| R | A | P | M | Q | B | A | U | S | L | E | W | O |
| A | T | Ż | I | P | X | L | T | L | B | X | I | P |
| R | Ħ | J | R | K | U | O | A | T | L | Ħ | D | A |
| O | S | O | D | E | R | N | B | X | O | A | T | Z |
| K | O | W | I | J | Ħ | X | E | S | N | R | B | L |
| X | O | F | F | T | E | J | N | U | I | A | F | W |
| A | R | B | Q | I | J | W | Q | R | L | J | K | I |
| R | U | S | N | E | Ċ | N | I | L | M | B | I | D |
| P | Z | I | X | K | O | W | U | P | Ż | U | R | N |
| I | M | Ħ | A | Ż | E | N | I | J | Q | A | Z | A |

Agendabookshop

### Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' Jannar 2022

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni TISLIBA Nru 198 huwa JOSEPH BORG li joqgħod 20, 'Shalom' Triq Castali, Ħaż-Żabbar. Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni AĦSEB U WIEĠEB hija KAYDEN PULIS li toqgħod 'Honeystones', Triq Agatha Barbara, Ħaż-Żabbar. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

### 1. Borża ta' studju

sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

### 2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati

Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10. Attenti meta taqtgħu bl-imqass il-bolla minn ma' l-envelope. Jekk tmissu l-bolla u taqtgħu s-snien tagħha (it-truf tagħha) l-bolla titlef il-valur tagħha. Ħallu dan ix-xogħol għalina.

### 3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti

tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv. Filwaqt li ngħidulkom grazzi nħeġġukom sabiex tkomplu tibagħtu dawn l-irċevuti u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni tagħna fil-Kenja.

### 4. BAZAAR b'risq il-missjoni

Minħabba l-kriżi li ħolqot l-imxija tal-COVID-19, għal dawn l-aħħar sentejn il-bazaar li konna norganizzaw kull sena qrib il-Milied ma sarx. Lanqas din is-sena ma sar. Imma minflok dan qed ikollna bħal mini bazaar miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 ta' filgħodu u nofsinhar. Dan il-bazaar qed ikun fid-daħla tal-Uffiċċju tal-Missjoni biswit il-kunvent tal-Kapuċċini, fil-Furjana. Ilkoll intom mistiedna sabiex tiġu, taraw u tixtru. B'hekk tkunu qed tgħinu lill-missjoni tagħna fil-Kenja.

### 5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta

sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, l-Imsida.

### 6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal

B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

### 7. Intenzjonijiet għall-quddies

Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

### 8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,

wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil: Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**



**BOV** KONT PROĠETT HOLA – IL-KENJA: MT04VALL220130000000 40019994646
**BOV** KONT DAWL FRANĠISKAN – MT02VALL220130000000 40023435175
**BOV** KONT SEGRETARJAT MISSJONI KAPUĊĊINI: MT22VALL220130000000 40019998299

*Nota importanti: Huwa ferm meħtieġ li lill-bank tagħtih ismek u kunjomok bl-indirizz tiegħek.*